Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 918/83

tat-28 ta' Marzu 1983

li jwaqqaf sistema Komunitarja ta' eżenzjoniiet minn dazju doganali

(ĠU L 105, 23.4.1983, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Council Regulation (EEC) No 3822/85 of 20 December 1985 (*)	L 370	22	31.12.1985
►M2	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3691/87 tad-9 ta' Diċembru 1987	L 347	8	11.12.1987
►M3	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1315/88 tat-3 ta' Mejju 1988	L 123	2	17.5.1988
►M4	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4235/88 tal-21 ta' Diċembru 1988	L 373	1	31.12.1988
►M5	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3357/91 tas-7 ta' Novembru 1991	L 318	3	20.11.1991
►M6	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992	L 302	1	19.10.1992
►M7	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 355/94 tal-14 ta' Frar 1994	L 46	5	18.2.1994
►M8	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1671/2000 tal-20 ta' Lulju 2000	L 193	11	29.7.2000
►M9	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 274/2008 tas-17 ta' Marzu 2008	L 85	1	27.3.2008

Emendat minn:

►A1	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985
►A2	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►A3	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

NB: Din il-verżjoni konsolidata tinkludi referenzi għall-unità Ewropea ta' kont u/jew l-eku, li mill-1 ta' Jannar 1999 għandha tinftiehem bħala referenza għall-euro – Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3308/80 (ĠU L 345, ta' l-20.12.1980, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1).

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 918/83

tat-28 ta' Marzu 1983

li jwaqqaf sistema Komunitarja ta' eżenzjoniiet minn dazju doganali

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 43 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi, fl-assenza ta' miżura speċifika ta' deroga adottata skond id-dispożizzjonijiet tat-trattat, dazji tat-tariffa tad-dwana komuni huma applikabbli għall-ħwejjeġ kollha imporati fil-komunità; billi l-istess huwa veru fil-każ ta' imposti agrikoli u kull dritt fuq l-importazzjoni ieħor impost taħt il-politika agrikola komuni jew l-arranġamenti speċifiċi applikabbli għal ċerti ħwejjeġ li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli;

Billi, iżda, f'ċerti ċirkostanzi definiti sew, fejn bis-saħħa ta' kondizzjonijiet speċjali taħt liema merkanzija tiġi impurtata l-bżonn użwali li tiġi protetta l-ekonomija huwa nieqes, tassazzjoni bħal din mhiex ġustifikata;

Billi, huwa mixtieq li ċirkostanzi bħal dawn għandhom isiru arranġamenti, kif saru tradizzjonalment fil-biċċa l-kbira ta' sistemi ta' regoli doganali, li merkanzija titħalla tgawdi eżenzjoni mill-applikazzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni li normalment jkunu soġġetti għalihom;

Billi tali arranġamenti ta' eżenzjoni jistgħu jkunu wkoll riżultat ta' konvenzjonijiet internazzjonali multilaterali li għalihom l-Istati Membri kollha jew uħud minnhom huma partijiet kontraenti; billi, filwaqt li l-Komunità għandha tapplika tali konvenzjonijiet, dan jippresupponi l-introduzzjoni ta' regoli tal-Komunità dwar eżenzjonijiet minn dazji doganali maħduma, skond ir-rekwiżiti ta' l-unjoni doganali, biex jiġu eliminati differenzi fl-għan, l-iskop u l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' l-eżenzjonijiet li jinsabu f'dawn il-konvenzjonijiet, u sabiex jippermettu lil dawk kollha involuti jgawdu l-istess vantaġġi fil-Komunità kollha;

Billi ċerti eżenzjonijiet applikati preżentement fl-Istati Membri joħorġu minn konvenzjonijiet speċifiċi konklużi ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali; billi tali konvenzjonijiet, minħabba l-iskop taghhom, jinvolvu biss l-Istat Membru firmatarju; billi ma jidhirx meħtieġ li jiġu definiti, fuq livell Komunitarju, il-kondizzjonijiet għall-għotja ta' dawn l-eżenzjonijiet, iżda jidher li jkun sempliċiment biżżejjed li l-Istat Membru inkwistjoni jiġi awtorizzat jagħti dawn l-eżenzjonijiet, fejn meħtieġ, permezz ta' proċedura xierqa mwaqqfa għal dan il-għan;

Billi l-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni tfisser li f'ċerti ċirkostanzi d-dazji fuq l-esportazzjoni jistgħu jinżammu fuq ċerta merkanzija; billi għalhekk huwa neċessarju li l-każijiet fejn tista' tingħata eżenzjoni minn tali dazji jiġu speċifikati fuq livell Komunitarju;

Billi l-Kunsill diġa adotta għadd ta' Regolamenti dwar eżenzjonijiet minn dazji doganali u jidher dežiderabbli, bil-ħsieb ta' twaqqif ta' sistema Komunitarja komprensiva waħda ta' eżenzjonijiet, biex id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti individwali jiġu inkorporati f'dan ir-Regolament u sabiex jiġu mħassra, formalment, l-Atti preċedenti;

([1]) ĠU C 4, tas-7.1.1980, p. 59.
([2]) ĠU C 72, ta' l-24.3.1980, p. 20.

▼B

Billi, fl-interessi ta' ċarezza legali, id-dispożizzjonijiet ta' l-Atti tal-Komunità li fihom ċerti miżuri ta' eżenzjoni mhux milquta minn dan ir-Regolament għandhom jiġu elenkati;

Billi dan ir-Regolament ma jipprekludix l-applikazzjoni minn Stat Membru ta' projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u esportazzjoni li huma ġġustifikati fuq bażi ta' moralità pubblika, politika pubblika jew sigurtà pubblika, ħarsien ta' saħħa u ħajja ta' bnedmin, annimali jew pjanti, ħarsien ta' teżori nazzjonali li għandhom valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku jew ħarsien ta' propjetà industrijali jew kummerċjali;

Billi, fir-rigward ta' eżenzjonijiet mogħtija fil-limiti ta' l-ammonti ffissati f'ECU, għandhom jiġu abbozzati regoli għall-konverżjoni ta' tali ammonti f' munita nazzjonali;

Billi huwa meħtieġ sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u għalhekk sabiex titwaqqaf proċedura Komunitarja għall-adozzjoni tempestiva ta' miżuri ta' implimentazzjoni; billi għalhekk għandu jitwaqqaf Kumitat li jippermetti l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni stretta u effettiva bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan il-kamp sabiex jieħu post il-Kumitat għal Arranġamenti Mingħajr Dazju mwaqqaf permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1798/75 ta' l-10 ta' Lulju 1975 dwar l-importazzjoni ħielsa mit-Tariffa Doganali Komuni ta' materjali edukattivi, xjentifiċi u kulturali ([1]),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

▼M9

1. Dan ir-Regolament jistipula dawk il-każijiet li fihom, minħabba ċirkustanzi speċjali, ħelsien minn dazji ta' importazzjoni u esportazzjoni u miżuri adottati abbażi l-Artikolu 133 tat-Trattat għandhom jingħataw rispettivament meta oġġetti huma rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera jew jiġu esportati mit-territorju doganali tal-Komunità.

▼B

2. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "Dazji fuq l-importazzjoni" jfisser dazji doganali u tariffi li għandhom effett indaqs kif ukoll imposti agrikoli u tariffi fuq l-importazzjoni oħra applikabbli għal ċerta merkanzija li tirriżulta mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli;

(b) "Dazji fuq l-esportazzjoni" jfisser imposti agrikoli jew tariffi fuq l-esportazzjoni oħra li hemm dispożizzjoni għalihom taħt il-politika agrikola komuni jew taħt arranġamenti speċifiċi applikabbli għal ċerta merkanzija li tirriżulta mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli;

(c) "Propjetà personali" tfisser kull propjetà intiża għall-użu personali tal-persuni involuti jew sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tal-familja tagħhom.

Dawn li gejjin, b'mod partikolari, għandhom jikkostitwixxu "propjetà personali":

— affarijiet tad-dar,

— ċikli u muturi, karozzi privati u t-*trailers* tagħhom, *caravans* tal-kamping, *pleasure craft* u ajruplani privati.

Provisti tad-dar xierqa għall-ħtiġijiet normali ta' familja, annimali domestiċi u annimali tas-sarġ, kif ukoll l-istrumenti li jingarru ta' l-arti applikati jew liberali, meħtieġa mill-persuna interessata għall-użu fis-sengħa jew professjoni tagħha, għandhom jikkostitwixxu

([1]) ĠU L 184, tal-15.7.1975, p. 1.

▼B

ukoll “propjetà personali”. Propjetà personali ma tistax tkun tali li tista' tindika, min-natura jew kwantità tagħha, li qed tiġi impurtata għal skopijiet kummerċjali;

(d) “Affarijiet tad-dar” ifisser effetti personali, bjankerija tad-dar, għamara u tagħmir għall-użu personali mill-persuni interessati sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet domestiċi tagħhom;

▼M2

(e) “Prodotti alkoħoliċi” ifisser prodotti (birra, nbid, aperittivi b'bażi ta' nbid jew alkoħol, brandi, likuri jew xorb ta' spirtu, eċċ.) li jaqgħu fi ħdan l-intestatura Nri 2203 sa 2208 tan-Nomenklatura Magħquda.

▼M3

3. Ħlief kif ipprovdut xort oħra f'dan ir-Regolament għall-iskop ta' l-applikazzjoni tal-Kapitolu I, il-kunċett tal-pajjiżi terz jinkludi wkoll dawk il-partijiet tat-territorji ta' l-Istati Membri eskluži mit-territorju tad-dwana ►M3 tal-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄ permezz tar-Regolament (KEE) Nru 2151/84 ([1]).

▼B

IL-KAPITOLU I

EŻENZJONI MID-DAZJU FUQ L-IMPORTAZZJONI

IT-TITOLU I

PROPJETÀ PERSONALI TA' PERSUNI NATURALI LI QEGĦDIN JITTRASFERIXXU L-POST TA' RESIDENZA NORMALI TAGĦHOM MINN PAJJIŻ TERZ GĦAL KOMUNITÀ

L-Artikolu 2

Bla ħsara għall-Artikoli 3 sa 10, propjetà personali importata minn persuni naturali li qegħdin jittrasferixxu l-post ta' residenza normali tagħhom minn pajjiż terz għat-territorju doganali tal-Komunità għandha tiddaħħal mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

L-Artikolu 3

L-eżenzjoni għandha tkun illimitata għal propjetà personali li:

(a) Ħlief f'każijiet speċjali ġustifikati miċ-ċirkostanzi, kienet fil-pussess ta' u, fil-każ ta' affarijiet mhux konsumabbli, użati mill-persuna involuta fil-post ta' residenza normali preċedenti għal minimu ta' sitt xhur qabel id-data li fiha tieqaf milli jkollha l-post ta' residenza normali f'pajjiż terz minn fejn telqet;

(b) hi maħsuba biex tintuża għall-istess għan fil-post ta' residenza normali ġdid.

Kif ukoll, l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-eżenzjoni bil-kondizzjoni li tali propjetà tkun ġiet mgħobbija jew fil-pajjiż ta' l-oriġini jew fil-pajjiż tat-tluq, bid-drittijiet doganali u/jew fiskali li għalihom hija normalment soġġetta.

L-Artikolu 4

Eżenzjoni tista' tingħata biss lil persuni li l-post ta' residenza normali kien barra ►M3 l-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄ għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 12-il xahar.

Iżda, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu eċċezzjonijiet għar-regola fl-ewwel paragrafu sakemm l-intenzjoni tal-persuna involuta kienet

([1]) ĠU L 197, tas-27.7.1984, p.1.

▼B

b'mod ċar li tirresjedi barra ►M3 mill-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄ għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 12-il xahar.

L-Artikolu 5

L-ebda eżenzjoni m'għandha tingħata għal:

(a) prodotti alkoħoliċi;

(b) tabakk jew prodotti tat-tabakk;

(ċ) mezzi ta' trasport kummerċjali;

(d) artikoli għal użu fl-eżerċizzju ta' sengħa jew professjoni, ħlief strumenti li jinġarru ta' l-arti applikata jew liberali.

L-Artikolu 6

Ħlief f'każijiet speċjali, eżenzjoni għandha tingħata biss fir-rigward ta' propjeta personali mdaħħla għal ċirkolazzjoni ħielsa fit-12-il xahar mid-data ta' stabbiliment, mill-persuna involuta, jew fil-post ta'residenza normali fit-territorju doganali tal-Komunità.

Il-propjetà personali tista' tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa f'għadd ta' konsenji separati fil-perjodu msemmi fil-paragrafu preċedenti.

L-Artikolu 7

1. Sakemm jiskadu 12-il xahar mid-data minn meta jiġi aċċettat id-dħul għal ċirkolazzjoni ħielsa, propjetà personali li ġiet ammessa mingħajr dazju ma tistax tiġi mislufa, mogħtija bħala garanzija, mikrija jew trasferita, kemm għal prezz kif ukoll b'xejn, mingħajr ma jkunu notifikati minn qabel l-awtoritajiet kompetenti.

2. Kull self, għotja bħala garanzija jew trasferiment qabel tmiem il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jfisser pagament tad-dazji fuq l-importazzjoni relevanti fuq il-propjetà konċernata, bir-rata li tapplika fid-data ta' self bħal dan, għotja bħala garanzija, kirja jew trasferiment, abbażi tat-tip ta' propjetà u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

L-Artikolu 8

1. Bħala deroga mill-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6, eżenzjoni tista' tingħata fir-rigward ta' propjetà personali mdaħħla għal ċirkolazzjoni ħielsa qabel ma l-persuna involuta tistabbilixxi l-post ta' residenza normali tagħha fit-territorju doganali tal-Komunità, sakemm hija tobbliga ruħha li tistabbilixxi l-post ta' residenza normali tagħha hemm-hekk fi żmien sitt xhur. Obbligu bħal dan għandu jkun akkumpanjat minn garanzija, li l-forma u l-ammont tagħha għandha tkun deċiża mill-awtoritajiet kompetenti.

2. Fejn isir użu mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-perjodu mniżżel fl-Artikolu 3(a) għandu jiġi kkalkulat mid-data li fiha l-propjetà personali ddaħlet fit-territorju doganali tal-Komunità.

L-Artikolu 9

1. Fejn, minħabba obbligi tax-xogħol, il-persuna involuta titlaq mill-pajjiż terz fejn kellha l-post ta' residenza normali mingħajr ma stabbiliet fl-istess żmien il-post ta' residenza normali tagħha fit-territorju doganali tal-Komunità, għalkemm bl-intenzjoni li fl-aħħar mill-aħħar tagħmel dan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw id-dħul mingħajr dazju tal-propjetà personali li hi titrasferixxi fl-imsemmi territorju għal dan il-għan.

▼B

2. Dħul mingħajr dazju tal-propjetà personali msemmija fil-paragrafu 1 għandhu jkun permess skond il-kondizzjonijiet imniżżlin fl-Artikoli 2 sa 7, bil-ftehim li:

(a) Il-perjodi mniżżlin fl-Artikolu 3(a) u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 għandhom jiġu kkalkulati mid-data li fiha l-propjetà personali ddaħlet fit-territorju doganali tal-Komunità;

(b) Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 7(1) għandu jiġi kkalkulat mid-data meta l-persuna involuta tistabbilixxi fil-fatt il-post ta' residenza normali fit-territorju doganali tal-Komunità.

3. Dħul mingħajr dazju għandu jkun soġġett ukoll għal obbligu mill-persuna involuta li hija fil-fatt ħa tistabbilixxi l-post ta' residenza normali tagħha fit-territorju doganali tal-Komunità fi żmien perjodu stipulat mill-awtoritajiet kompetenti skond iċ-ċirkostanzi. Dawn ta' l-aħħar jistgħu jeħtieġu li l-obbligu jkun akkumpanjat minn garanzija, il-forma u l-ammont ta' liema għandhom jistipulawaha huma.

L-Artikolu 10

L-awtortitajiet kompetenti jistgħu jidderogaw mill-Artikoli 3(a) u (b), 5 (ċ) u (d) u 7, meta persuna jkollha tittrasferixxi l-post ta' residenza normali minn pajjiż terz għat-territorju doganali tal-Komunità minħabba ċirkostanzi politiċi eċċezzjonali.

IT-TITOLU II

OĠĠETTI IMPORTATI GĦAL OKKAŻJONI TA' ŻWIEĠ

L-Artikolu 11

1. Bla ħsara għall-Artikoli 12 sa 15, effetti ta' bjankerija u ħwejjeġ u tad-dar, kemm jekk ġodda jew le, li jappartjenu għal persuna li qed titrasferixxi l-post ta' residenza tiegħu jew tagħha minn pajjiż terz għat-territorju doganali tal-Komunità fl-okkażjoni taż-żwieġ tiegħu jew tagħha, għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

▼M3

2. Soġġett għall-istess kondizzjonijiet, rigali s-soltu mogħtija fl-okkażjoni ta' żwieġ, li huma rċevuti minn persuna li ttemm il-kundizzjonijiet li hemm fil-paragrafu 1 minn persuni li għandhom ir-residenza normali tagħhom f'pajjiż terzj għandhom ukoll ikunu ammessi ħielsa minn dazji fuq l-importazzjoni. Il-valur ta' kull rigal ammess mingħajr dubju ma jistax, madanakollu jaqbeż l-1 000 ECU.

▼B

L-Artikolu 12

L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 11 tista' tingħata biss lil persuni:

(a) li l-post ta' residenza normali tagħhom kien barra t-territorju doganali tal-Komunità għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 12-il xahar. Iżda derogi minn din ir-regola jistgħu jsiru sakemm l-intenzjoni tal-persuna involuta kienet b'mod ċar li tirresjedi barra t-territorju doganali tal-Komunità għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 12-il xahar;

(b) li jipproduċu evidenza taż-żwieġ tagħhom.

L-Artikolu 13

L-ebda eżenzjoni m'għandha tingħata għal prodotti alkoħoliċi, tabakk jew prodotti tat-tabakk.

▼B

L-Artikolu 14

1. Ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, eżenzjoni għandha tingħata biss fir-rigward ta' affarijiet imdaħħla għal ċirkolazzjoni ħielsa:

— mhux qabel xahrejn qabel id-data ffissata għat-tieġ (f'dan il-każ l-eżenzjoni għandha tkun soġġetta għall-għoti ta' garanzija xierqa, l-forma u l-ammont ta' liema għandha tkun deċiża mill-awtoritajiet kompetenti), u

— mhux aktar tard minn erba' xhur wara d-data taż-żwieġ.

2. L-affarijiet imsemmijin fl-Artikolu 11 jistgħu jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa f'għadd ta' konsenji separati fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 hawn fuq.

L-Artikolu 15

1. Sakemm ma jgħaddux 12-il xahar mid-data li fiha ġie aċċettat id-dħul tagħhom għal ċirkolazzjoni ħielsa, affarijiet li ddaħħlu mingħajr dazju taħt l-Artikolu 11 ma jistgħux jinsilfu, jiġu mogħtija bħala garanzija, mikrija jew trasferiti, kemm għal prezz kif ukoll bla ħlas, mingħajr notifika minn qabel lill-awtoritajiet kompetenti.

2. Kull self, għotja bħala garanzija, kirja jew trasferiment qabel l-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jġib miegħu ħlas tad-dazji fuq l-importazzjoni relevanti fuq l-affarijiet involuti, bir-rata li tapplika fid-data ta' tali self, għotja bħala garanzija, kirja jew trasferiment abbażi tat-tip ta' affarijiet u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

IT-TITOLU III

PROPJETÀ PERSONALI AKKWISTATA B'WIRT

L-Artikolu 16

1. Bla ħsara għall-Artikoli 17 sa 19, propjetà personali akkwistata b'wirt, minn persuna naturali li għandha l-post ta' residenza normali fit-territorju doganali tal-Komunità għandha tiddaħħal ħielsa minn dazji fuq l-importazzjoni.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, "propjetà personali" tfisser il-propjetà msemmija fl-Artikolu 1(2)(c) li tikkostitwixxi l-patrimonju tad-*decuius*.

L-Artikolu 17

L-ebda eżenzjoni m'għandha tingħata għal:

(a) prodotti alkoħoliċi;

(b) tabakk jew prodotti tat-tabakk;

(ċ) mezzi ta' trasport kummerċjali;

(d) oġġetti għall-użu fl-eżerċizzju ta' sengħa jew professjoni, barra minn strumenti li jinġarru ta' l-arti applikata jew liberali, li kienu meħtieġa għall-eżerċizzju tas-sengħa jew professjoni tad-*decuius*;

(e) ħażniet ta' materja prima u prodotti lesti jew kważi lesti;

(f) bhejjem u ħażniet ta' prodotti agrikoli li jiskorru l-kwantitajiet xierqa għar-rekwiżiti normali ta' familja.

L-Artikolu 18

1. Eżenzjoni għandha tingħata biss għal propjetà personali mdaħħla għal ċirkolazzjoni ħielsa sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-data li

▼B

fiha l-persuna involuta ssir intitolata għal propjetà (determinazzjoni finali tal-wirt).

Iżda, dan il-perjodu jista' jiġi estiż mill-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet speċjali.

2. Il-propjetà personali tista' tiġi impurtata f'għadd ta' konsenji separati fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 19

L-Artikoli 16 sa 18 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal propjetà personali akkwistata b'wirt minn persuni legali impenjati f'attività li ma tagħmilx qligħ li huma stabbiliti fit-territorju doganali tal-Komunità.

▼M9

———————

▼B

IT-TITOLU V

BIDLIET TA' L-ISKOLA, MATERJAL SKOLASTIKU U AFFARIJIET TAD-DAR SKOLASTIĊI

L-Artikolu 25

1. Bidliet, materjali skolastiċi u affarijiet tad-dar rappreżentanti l-għamara tas-soltu għal kamra ta' student u li jappartieni lil aljevi jew studenti li ġejjin joqogħdu fit-territorju doganali tal-Komunità għall-għan li jistudjaw hemmhekk u maħsubin għall-użu personali tagħhom matul il-perjodu ta' l-istudji tagħhom għandhom jiddaħħlu mingħajr dazju.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1:

(a) "aljev jew student" ifisser kull persuna reġistrata fi stabbiliment ta' edukazzjoni sabiex jattendi l-korsijiet matul il-ġurnata kollha li jkunu offerti hemmhekk;

(b) "bidla" tfisser ħwejjeġ ta' taħt jew bjankerija domestika kif ukoll ħwejjeġ, kemm jekk ġodda jew le;

(ċ) "materjali skolastiċi" jfisser oġġetti u strumenti (inklużi kalkolatriċijiet u tajprajters) li normalment jintużaw minn aljevi jew studenti għall-iskopijiet ta' l-istudji tagħhom.

L-Artikolu 26

Għandha tingħata eżenzjoni mill-inqas darba kull sena skolastika.

IT-TITOLU VI

KONSENJI TA' VALUR NEGLIĠIBBLI

▼M5

L-Artikolu 27

Bla ħsara għall-Artikolu 28, kull kunsinna magħmula minn oġġetti ta' valur negliġibbli mibgħuta direttament minn pajjiż terz lil kunsinnatarju fil-Komunità għandha tiddaħħal ħielsa mid-dazju ta' importazzjoni.

"Oġġetti ta' valur negliġibbli" tfisser oġġetti li l-valur intrinsiku tagħhom ma jeċċedix total ta' ►M9 EUR 150 ◄ kull kunsinna.

▼B

L-Artikolu 28

L-eżenzjoni m'għandhiex tapplika għal dawn li ġejjin:

(a) prodotti alkoħoliċi;

▼B

(b) fwejjaħ u ilmijiet tat-twaletta;

(ċ) tabakk jew prodotti tat-tabakk.

▼M3

TITLU VII

KUNSINNI MIBGĦUTA MINN INDIVIDWU PRIVAT GĦALL-IEĦOR

L-Artikolu 29

1. Soġġett għall-Artikoli 30 u 31, merkanzija miżmuma f'kunsinni mibgħuta minn pajjiż terz minn individwu privat għal individwu privat ieħor li joqgħod f'territorju tad-dwana tal-Komunità għandha tiġi ammessa ħielsa minn dazji fuq l-importazzjoni, sakemm importazzjonijiet bħal dawn mhumiex ta' xorta kummerċjali.

L-eżenzjoni li jagħmel tajjeb għalih dan il-paragrafu m'għandux japplika għal merkanzija fil-kunsinni mibgħuta mill-gżira ta' Heligoland.

2. Għall-iskopijiet ta' paragrafu 1, kunsinni mportati huma "ta' xorta mhux kummerċjali" jekk:

— huma ta' xorta okkażjonali,

— iżommu merkanzija esklużivament għall-użu personali ta' min jagħmel il-kunsinna jew il-familja tiegħu, li ma jirriflettux permezz tax-xorta jew il-kwantità tagħhom xi interess kummerċjali,

— huma mibgħuta lil min jirċievi l-kunsinna ħielsa minn ħlas ta' kwalunkwe xorta;

L-Artikolu 30

L-eżenzjoni msemmi fl-Artikolu 29(1) għandu japplika għall-valur ta' 45 ECU għal kull kunsinna, nkluż il-valur ta' merkanzija msemmija fl-Artikolu 31.

Meta l-valur totali għal kull kunsinna ta' żewġ oġġetti jew aktar jaqbeż l-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu, rilaxx sa dak l-ammont għandu jiġi mogħti għal oġġetti bħal dawn kif kien ikun mogħti eżenzjoni, jekk importati separatament, bil-fehma li l-valur ta' oġġett individwali ma jistax jiġi maqsum.

L-Artikolu 31

L-eżenzjoni msemmi fl-Artikolu 29(1) għandu jkun limitat, għal kull kunsinna, għall-kwantitajiet mogħtija għal kull wieħed mill-oġġetti imniżżla hawn taħt:

(a) prodotti tat-tabakk:

50 sigarett, jew

25 *cigarillos* (sigarri ta' piż massimu ta' tlett grammi kull wieħed), jew

10 sigarri, jew

50 gramma ta' tabakk għat-tipjip, jew

taħlita proporzjonali ta' dawn il-prodotti differenti;

(b) alkoħol u xorb alkoħoliku:

— xorb distillat u spirti ta' forza alkoħolika b'volum li jaqbeż il-volum ta' 22 %; alkoħol *ethyl* mhux snaturat ta' volum ta' 80 % u iktar: litru, jew

— xorb u spirti distillati, u aperittivi b'baži alkoħolika jew ta' nbid, *tafia*, *saké* jew xorb simili, ta' forza alkoħolika b'volum li ma

▼M3

jaqbiżx il-volum ta' 22 %; inbid *sparkling*, inbejjed ta' likur: litru, jew taħlita proporzjonali ta' dawn il-prodotti differenti;

— inbejjed *still*: żewġ litri;

(ċ) fwejjaħ: 50 gramma, jew

toilet waters: 0,25 litru.

▼B

IT-TITOLU VIII

OĠĠETTI KAPITALI U TAGĦMIR IEĦOR IMPORTAT MAT-TRASFERIMENT TA' ATTIVITAJIET MINN PAJJIŻ TERZ GĦALL-KOMUNITÀ

L-Artikolu 32

1. Mingħajr preġudizzju għall-miżuri viġenti fl-Istati Membri f'dak illi jirrigwarda l-politika industrijali u kummerċjali, u soġġetta għall-Artikoli 33 sa 37, l-oġġetti kapitali u t-tagħmir ieħor li jkunu ta' impriżi li jtemmu għal kollox l-attività tagħhom f'pajjiż terz u jmorru fit-territorju doganali tal-Komunità sabiex iwettqu attività simili hemmhekk, jiddaħħlu mingħajr dazju fuq l-importazzjoni.

Fejn l-impriża trasferita hija propjetà agrikola, il-bhejjem tagħha ukoll għandhom jiddaħħlu mingħajr dazju.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, "impriża" tfisser unità ekonomika indipendenti ta' produzzjoni jew ta' l-industrija tas-servizz.

L-Artikolu 33

Eżenzjoni għandha tkun limitata għal oġġetti kapitali u tagħmir ieħor li:

(a) ħlief f'każijiet speċjali ġġustifikati miċ-ċirkostanzi, intużaw fl-impriża għal minimu ta' tnax-il xahar qabel id-data li fiha l-impriża waqqfet topera fil-pajjiż terz minn liema hija ttrasferiet l-attivitajiet tagħha;

(b) huma maħsuba biex jintużaw għall-istess skopijiet wara t-trasferiment;

(ċ) huma xierqa għan-natura u d-daqs ta' l-impriża inkwistjoni.

L-Artikolu 34

L-ebda eżenzjoni m'għandha tingħata lil impriżi li t-trasferiment tagħhom għal ġot-territorju doganali tal-Komunità hija konsegwenza ta' jew għall-iskop ta' għaqda, jew assorbiment minn, impriża stabbilita fit-territorju doganali tal-Komunità, mingħajr ma titwaqqaf attività ġdida.

L-Artikolu 35

L-ebda eżenzjoni m'għandha tingħata għal:

(a) mezzi ta' trasport li mhumiex ta' natura ta' istrumenti ta' produzzjoni jew ta' l-industrija tas-servizz;

(b) forniment ta' kull tip maħsuba għal konsum tal-bniedem jew l-għalf ta' l-annimali;

(ċ) karburanti u ħażniet ta' materja prima jew prodotti lesti jew kważi lesti;

(d) bhejjem fil-pussess ta' bejjiegħa.

▼B

L-Artikolu 36

Ħlief f'każijiet speċjali ġġustifikati miċ-ċirkostanzi, l-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 32 għandha tingħata biss għal oġġetti kapitali u tagħmir ieħor imdaħħla għal ċirkolazzjoni ħielsa qabel l-iskadenza ta' tnax-il xhar mid-data li fiha l-impriża temmet l-attivitajiet tagħha fil-pajjiż terz tat-tluq.

L-Artikolu 37

1. Sa ma jiddekorru 12-il xhar mid-data li fiha ġie aċċettat id-dħul tagħhom għal ċirkolazzjoni ħielsa, oġġetti kapitali u tagħmir ieħor li ddaħħlu mingħajr dazju ma jistgħux jinsilfu, jingħataw bħala garanzija, jinkrew jew ikunu trasferiti, kemm bil-ħlas jew bla ħlas, mingħajr notifika minn qabel lill-awtoritajiet kompetenti.

Dan il-perjodu jista' jiġi estiż għal massimu ta' 36 xahar f'dak illi jirrigwarda kiri jew trasferiment fejn hemm riskju ta' abbuż.

2. Kull self, għotja bħala garanzija, kirja jew trasferiment qabel l-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jġib miegħu ħlas tad-dazji fuq l-importazzjoni relevanti fuq l-affarijiet involuti, bir-rata li tapplika fid-data ta' tali self, għotja bħala garanzija, kirja jew traseferiment fuq il-bażi tat-tip ta' affarijiet u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

L-Artikolu 38

L-Artikoli 32 sa 37 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal oġġetti kapitali u tagħmir ieħor li jkunu ta' persuni involuti f'professjoni libera u lil persuni legali involuti f'attività bla qligħ li jittrasferixxu din l-attività minn pajjiż terz għal ġot-territorju doganali tal-Komunità.

IT-TITOLU IX

PRODOTTI MIKSUBA MINN BDIEWA TAL-KOMUNITÀ FUQ PROPJETATJIET LI JINSABU F'TERZI PAJJIŻI

L-Artikolu 39

1. Bla ħsara għall-Artikoli 40 sa 41, prodotti agrikoli, tat-trobbija ta' l-annimali, ta' l-allevament tan-naħal, ta' ortikoltura tal-foresti minn propjetajiet li jinsabu f'terzi pajjiżi kontigwi mat-territorju doganali tal-Komunità, li huma mħaddma minn produtturi agrikoli li għandhom l-impriża ewlenija tagħhom fi ħdan it-territorju doganali imsemmi u kontigwi mal-pajjiż terz involut għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

2. Sabiex igawdu mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, prodotti tat-trobbija ta' l-annimali għandhom ikunu derivati minn annimali li joriġinaw fil-Komunità jew li daħħlu għal ċirkolazzjoni ħielsa hemmhekk.

L-Artikolu 40

L-eżenzjoni għandha tkun limitata għal prodotti li normalment ma jkunux ġew sottoposti għal trattament barra dak li normalment isegwi l-ħsad jew produzzjoni tagħhom.

L-Artikolu 41

L-eżenzjoni għandha tingħata biss għal prodotti miġjuba fit-territorju doganali tal-Komunità mill-produttur agrikolu jew għan-nom tiegħu.

▼B

L-Artikolu 42

L-Artikoli 39 sa 41 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-prodotti tas-sajd jew attivitajiet ta' trobbija tal-ħut li jsiru fl-għadajjar jew fil-kanali navigabbli li jikkonfinaw ma' Stat Membru u pajjiż terz minn sajjieda tal-Komunità u għal dawk il-prodotti ta' attivitajiet ta' kaċċa li jsiru fl-għadajjar jew fil-kanali navigabbli bħal dawn minn sportivi tal-Komunità.

IT-TITOLU X

ŻRIERAGĦ, FERTILIZZANTI U PRODOTTI GĦAT-TRATTAMENT TAL-ĦAMRIJA U ĦSAD IMPURTAT MINN PRODUTTURI AGRIKOLI F'PAJJIŻI TERZI GĦAL UŻU FIL-PROPJETAJIET KONTIGWI MA' DAWK IL-PAJJIŻI

L-Artikolu 43

Bla ħsara għall-Artikolu 44, żrieragħ, fertilizzanti u prodotti għat-trattament tal-ħamrija u ħsad, maħsuba għal użu fil-propjetà li tinsab fit-territorju doganali tal-Komunità kontigwu ma' pajjiż terz u mħaddma minn produtturi agrikoli li għandhom l-impriża ewlenija tagħhom fi ħdan l-imsemmi pajjiż terz u kontigwa mat-territorju doganali tal-Komunità, għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

L-Artikolu 44

1. L-eżenzjoni għandha tkun illimitata għall-kwantitajiet ta' żrieragħ, fertilizzanti jew prodotti oħra meħtieġa għall-għan ta' tħaddim tal-propjetà.

2. Għandha tingħata biss għal żrieragħ, fertilizzanti jew prodotti oħra importati direttament fit-territorju doganali tal-Komunità mill-produttur agrikolu jew f'ismu.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddisponu li l-eżenzjoni tkun bil-kondizzjoni ta' l-għotja ta' trattament reċiproku.

IT-TITOLU XI

OĠĠETTI LI JINSABU FIL-BAGOLL PERSONALI TA' VJAĠĠATUR

▼M9

Artikolu 45

Oġġetti li jinstabu fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi li ġejjin minn pajjiż terz għandhom jiddaħlu ħielsa minn dazji ta' importazzjoni, sakemm dawn l-importazzjonijiet huma eżentati minn taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali adottata skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2007/74/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud u d-dazju tas-sisa fuq oġġetti importati minn persuni li jkunu qed jivvjaġġaw minn pajjiżi terzi ([1]).

Oġġetti importati f'territorji elenkati fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([2]) għandhom ikunu soġġetti għall-istess dispożizzjonijiet dwar ħelsien mid-dazju bħall-oġġetti importati fi kwalunkwe parti tat-territorju ta' l-Istat Membru kkonċernat.

([1]) ĠU L 346, 29.12.2007, p. 6.
([2]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2008/78/KE (ĠU L 44, 20.2.2008, p. 11).

▼B

IT-TITOLU XII

MATERJALI EDUKATTIVI, XJENTIFIĊI U KULTURALI; STRUMENTI U APPARAT XJENTIFIKU

L-Artikolu 50

Il-materjali edukattivi, xjentifiċi u kulturali elenkati fl-Anness I għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni jkun min ikun il-konsenjatarju u jkun xi jkun l-użu maħsub ta' tali materjali.

L-Artikolu 51

Il-materjali edukattivi, xjentifiċi u kulturali elenkati fl-Anness II għandhom jiddaħħlu mingħajr dazju fuq l-importazzjoni sakemm huma maħsubin:

— jew għal stabbilimenti jew organizzazzjonijiet pubbliċi, edukattivi, xjentifiċi jew kulturali,

— jew għall-istabbilimenti jew organizzazzjonijiet fil-kategoriji speċifikati biswit kull oġġett fil-kolonna 3 ta' l-imsemmi Anness, bil-kondizzjoni li jkunu ġew approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex jirċievu tali oġġetti mingħajr dazju.

▼M5

L-Artikolu 52

1. Bla ħsara għall-Artikoli 53, 54, 56, 57 u 58, strumenti u apparat xjentifiku li m'humiex inklużi fl-Artikolu 51 għandhom jiddaħħlu ħielsa mid-dazji ta' iimportazzjoni meta jkunu importati esklużivament għal għanijiet mhux kummerċjali.

2. Il-ħelsien li għalih jirreferi l-paragrafu 1 għandu jkun limitat għall-strumenti u apparat xjentifiku li jkunu maħsuba għal:

— jew stabilimenti pubbliċi prinċipalment okkupati f'riċerka edukattiva jew xjentifika u dawk id-dipartimenti ta' stabilimenti pubbliċi li huma prinċipalment marbuta f'riċerka edukattiva jew xjentifika,

— jew stabilimenti privati prinċipalment marbuta f'riċerka edukattiva jew xjentifika u approvata mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri biex jirċievu dawk l-oġġeti ħielsa mid-dazju.

L-Artikolu 53

Il-ħelsien għandu japplika wkoll għal:

(a) partijiet ta' rikambju, komponenti jew aċċessorji speċifikament addattati għal strumenti jew apparat xjentifiku, sakemm dawk il-biċċiet, komponenti jew aċċessorji jkunu importati fl-istess żmien bħal dawk l-istrumenti jew apparat jew, meta jiġu importati wara, jkunu jistgħu jiġu identifikati bħala li jkunu maħsuba għall-istrumenti jew apparat:

— li jkun qabel iddaħħal ħieles mid-dazju, sakemm dawk l-istrumenti jew apparat jkunu għadhom ta' natura xjentifika fiż-żmien meta jintalab il-ħelsien għall partijiet ta' rikambju, komponenti jew aċċessorji speċifiċi, jew

— li kienu jkunu intitolati għall-ħelsien fiż-żmiem meta dak il-ħelsien jintalab għall-partijiet ta' rikambju, komponenti jew aċċessorji speċifiċi;

(b) għodda li għandhom jintużaw għall-manutenzjoni, verifikazzjoni, kalibrazzjoni jew tiswija ta' l-istrumenti jew apparat xjentifiku, sakemm dawn l-għodda jiġu mportati fl-istess żmien ta' dawk l-istrumenti jew apparat jew, meta jiġu mportati wara, ikunu jistgħu jiġu identifikati bħala li jkunu maħsuba għall-istrumenti jew apparat:

▼M5

— li jkun qabel iddaħħal ħielsa mid-dazju, sakemm dawk l-istrumenti jew apparat jkunu għadhom ta' natura xjentifika fiż-żmien meta jintalab il-ħelsien għall-għodda, jew

— li kienu jkun intitolati għall-ħelsien fiż-żmien meta dak il-ħelsien kien ikun mitlub għall-għodda.

L-Artikolu 54

Għall-għanijiet ta' l-Artikoli 52 u 53:

— "strument jew apparat xjentifiku" ifisser kull strument jew apparat li, skond il-karatteristiċi ta'l-oġġettiv tekniku tiegħu u r-riżultati li jagħmilha possibbli li jiġu miksuba, ikun prinċipalment jew esklużivament addattat għall-attivitajiet xjentifiċi,

— "importat għall-għanijiet mhux kummerċjali" għandha tkun kunsidrata li tapplika għall strumenti jew apparat maħsub biex jiġi wżat għal għanijiet ta' riċerka xjentifika jew edukattiva li ma tagħmilx profitt.

———————

L-Artikolu 56

Fejn meħtieġ, ċerti strumenti jew apparat jistgħu, skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 143(2) u (3), jiġu esklużi mid-dritt tal-ħelsien, fejn jinstab li d-dħul b'ħelsien mid-dazju ta' dawk l-istrumenti jew apparat ikun ta' ħsara għall-interessi ta' l-industrija tal-Komunità fis-settur tal-produzzjoni konċernat.

L-Artikolu 57

1. L-oġġetti li għalihom jirreferi l-Artikolu 51 u l-istrumenti jew apparat xjentifiku li jkun ddaħħlu ħielsa mid-dazju skond il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Arikoli 53, 54 u 56 m'għandhomx jiġu mislufa, mikrija jew trasferiti, sew bi ħlas sew jekk bla ħlas, mingħajr in-notifikazzjoni min qabel lill-awtoritajiet kompetenti.

2. Jekk xi oġġett jiġi misluf, mikri jew trasferit lil xi stabbiliment jew organizzazzjoni ntitolata għall-benefiċċju ta' ħelsien skond l-Artikolu 51 jew 52 (2), il-ħelsien għandu jibqa' jingħata sakemm l-istabiliment jew l-organizzazzjoni jużaw l-oġġett, strument jew apparat għall-għanijiet li jagħtu d-dritt għal dak il-ħelsien.

Fil-każi l-oħra, is-self, kiri jew trasferiment għandu jkun suġġett għall-ħlas minn qabel tad-dazji ta', importazzjoni, bir-rata applikabbli fid-data tas-self, kiri jew trasferiment, fuq il-bażi tat-tip ta' oġġetti u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

▼B

L-Artikolu 58

1. Stabbilimenti jew organizazzjonijiet msemmijin fl-Artikoli 51 u 52 li ma jibqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet li jagħtu d-dritt għal eżenzjoni, jew li qed jipproponu li jużaw l-oġġetti mdaħħla mingħajr dazju għal għanijiet differenti minn dawk li hemm dispożizzjoni għalihom permezz ta' dawk l-Artikoli għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti b'dan.

2. Oġġetti li jibqgħu fil-pussess ta' stabbilimenti jew organizzazzjonijiet li ma jibqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet li jagħtu d-dritt għal eżenzjoni għandhom jeħlu d-dazji fuq l-importazzjoni bir-rata li tkun tapplika fid-data li fiha dawk il-kondizzjonijiet ma jibqgħux jiġu ssodisfati, fuq il-bażi tat-tip ta' oġġett u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

▼B

L-oġġetti użati mill-istabbiliment jew organizzazzjoni li tgawdi mill-eżenzjoni għall-għanijiet oħra minbarra dawk li hemm dispożizzjoni għalihom fl-Artikoli 51 u 52 għandhom jeħlu d-dazji fuq l-importazzjoni relevanti kkalkulati kif applikabbli fid-data li ġew adoperati għal użu ieħor, fuq il-bażi tat-tip ta' oġġetti u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

L-Artikolu 59

L-Artikoli 56, 57 u 58 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-prodotti msemmijin fl-Artikolu 53.

▼M4

L-Artikolu 59a

1. Apparat importat għal skopijiet mhux kummerċjali minn jew għan-nom ta' stabiliment ta' riċerka xjentifika jew organizzazzjoni bażata barra mill-Komunità għandu jidħol ħieles minn drittijiet ta'mportazzjoni.

2. L-għajnuna għandha tingħata sakemm l-apparat:

(a) ikun maħsub għall-użu minn jew bi ftehim tal-membri jew rappreżentanti ta'l-istabilimenti u organizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fil-kuntest u fil-limiti tal-ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika li l-għan tagħha hu li jsiru programmi ta' riċerka xjentifika internazzjonali fi stabilimenti ta' riċerka xjentifika bbażati fil-Komunità u approvati għal dak il-għan mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;

(b) jibqa' l-proprjetà ta' persuna naturali jew legali residenti barra mill-Komunità matul il-waqfa tiegħu fit-territorju doganali tal-Komunità.

3. Skond it-tifsira ta' dan ir-Regolament:

— apparat ifisser strumenti, apparat, makni u l-aċċessorji tagħhom inklużi biċċiet ta' rikambju u għodda disinjati b'mod speċjali għall-manutenzjoni tagħhom, spezzjoni, kalibrazzjoni jew tiswija, użati għall-fini ta' riċerka xjentifika,

— apparat maħsub għall-użu ta' riċerka xjentifika magħmula għal finijiet mhux ta' profitt hu kunsidrat li jkun "importat għal finijiet mhux kummerċjali".

L-Artikolu 59b

1. Apparat imsemmi fl-Artikolu 59a li jkun iddaħħal mingħajr il-ħlas ta' dazju b'mod konformi mal-kondizzjonijiet stabiliti fl-imsemmi Artikolu ma jistgħux jiġu mislufa, mikrija jew trasferiti, kemm bi ħlas jew mingħajr ħlas, mingħajr notifika bil-quddiem lill-awtoritajiet kompetenti.

2. Jekk l-apparat jiġi misluf, mikri jew trasferit lil stabiliment jew organizzazzjoni jagħti jedd li jibbenefika minn għajnuna bis-saħħa ta' l-Artikolu 59a, l-għajnuna għandha tkompli tingħata sakemm l-istabiliment jew organizzazzjoni jużа' l-apparat għal skopijiet li taw dritt għal dik l-għajnuna.

F'każijiet oħra, u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 52 u 53, tislif, kiri jew trasferiment għandu jkun suġġett għal pagament ta' dazju minn qabel, bir-rata applikabbli fid-data tas-self, kirja jew trasferiment, bbażata fuq it-tip ta' apparat u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

3. Stabilimenti jew organizzazzjonijijet imsemmija fl-Artikolu 59a (1) li ma jibqgħux jaderixxu mal-kondizzjonijiet biex jikkwalifikaw għal għajnuna jew li jkunu qed jipproponu li jużaw l-apparat imdaħħal mingħajr il-ħlas ta' dazju għal skopijiet minbarra dawk li jinsabu f'dak l-Artikolu għandhom jinfurmaw b'dan lill-awtoritajiet kompetenti.

▼M4

4. Apparat użat minn stabilimenti jew organizzazzjonijiet li ma jibqgħux jaderixxu mal-kondizzjonijiet li jkunu ntitolawhom għal għajnuna għandhom ikunu suġġetti għad-dazju rilevanti bir-rata applikabbli fid-data li fiha dawk il-kondizzjonijiet ma jkunux aktar mitmuma, fuq il-bażii tat-tip tal-artikolu u l-valur tad-dwana aċċertat u aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

Mingħajr preġudizzju għal l-Artikoli 52 u 53, apparat użat mill-istabiliment jew organizzazzjoni li bbenefika mill-għajnuna għal skopijiet minbarra dawk provduti fl-Artikolu 59a għandu jkun suġġett għad-dazju rilevanti kalkulat bħala applikabbli fid-data li fiha jitpoġġa għal użu ieħor, abbażi tat-tip ta' apparat u l-valur tad-dwana aċċertat u aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

▼B

IT-TITOLU XIII

ANNIMALI TAL-LABORATORJU, U SUSTANZI BIJOLOGIĊI JEW KIMIĊI MAĦSUBIN GĦAL RIĊERKA

▼M3

L-Artikolu 60

1. Ir-rilaxx mid-dazji fuq l-importazzjonijiet għandu jiġi mogħti fejn għandhom x'jaqsmu:

(a) annimali speċjalment preparati għall-użu fil-laboratorju;

(b) sustanzi bioloġiċi jew kimiċi inklużi f'lista mfassla skond il-proċedura li hemm fl-Artikolu 143(2) u (3), li huma mportati esklussivament għal skopijiet mhux kummerċjali.

2. L-eżenzjoni imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun limitat għall-annimali u sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi li huma maħsuba għal:

— jew stabblimenti pubbliċi prinċipalment okkupati fir-riċerka edukattiva jew xjentifika u dawk id-dipartimenti ta' stabbilimenti pubbliċi li huma prinċipalment okkupati fir-riċerka edukattiva jew xjentifika, jew

— stabbilimenti privati li huma prinċipalment okkupati fir-riċerka edukattiva jew xjentifika u awtoriżżati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex jirċievu oġġetti bħal dawn mingħajr dazju.

3. Il-lista msemmija fis-subparagrafu 1 (b) tista tinkludi biss sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi li għalihom m'hemm ebda protezzjoni ekwivalenti fit-territorju tad-dwana tal- Komunità u li, minħabba l-ispeċifiċità jew il-grad ta' purità tagħhom, huma primarjament jew esklussivament xierqa għal riċerka xjentifika.

▼B

IT-TITOLU XIV

SUSTANZI TERAPEWTIĊI TA' ORIĠINI UMANA U REAĠENTI GĦALL-KLASSIFIKA TAT-TESSUTI

L-Artikolu 61

1. Bla ħsara għall-Artikolu 62, dawn li ġejjin għandhom jiddaħħlu mingħajr dazju fuq l-importazzjoni:

(a) sustanzi terapewtiċi ta' oriġini umana;

(b) reaġenti għall-klassifika tad-demm;

(ċ) reaġenti għall-klassifika tat-tessuti.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1

— "sustanzi terapewtiċi ta' oriġini umana" jfisser demm uman u d-derivattivi tiegħu (demm uman sħiħ, plasma umana imnixxfa,

▼B

albumin uman u soluzzjonijiet fissi ta' proteina plasmika umana, immunoglobulin uman u fibrinoġen uman),

— "reaġenti għall-klassifika tad-demm" jfisser r-reaġenti kollha, kemm ta' oriġini umana, ta' l-annimali jew pjanti kif ukoll ta' oriġini oħra użati għal klassifika tad-demm u għat-tikxif ta' inkompatibbilitajiet tad-demm,

— "Klassifika tat-tessut" jfisser ir-reaġenti kollha kemm ta' oriġini umana, ta' l-annimali, tal-pjanti jew oriġini oħra użati għad-determinazzjoni ta' tipi ta' tessuti umani.

L-Artikolu 62

Eżenzjoni għandha tkun illimitata għal prodotti li:

(a) huma maħsuba għall-istituzzjonijiet jew laboratorji approvati mill-awtoritajiet kompetenti, għal użu esklussiv għal skopijiet mediċi jew xjentifiċi mhux kummerċjali;

(b) huma akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità maħruġ minn korp awtorizzat fil-pajjiż terz tat-tluq;

(ċ) huma f'kontenituri li għandhom tikketta speċjali li tidentifikahom.

L-Artikolu 63

L-eżenzjoni għandha tinkludi l-ippakkjar essenzjali speċjali għat-trasport ta' sustanzi terapewtiċi ta' oriġini umana jew ta' reaġenti ta' klassifika tad-demm jew ta' klassifikazzjoni ta' tessut kif ukoll solventi u aċċessorji meħtieġa għall-użu tagħhom li jistgħu jkunu inklużi fil-konsenji.

▼M5

IT-TITOLU IVa

STRUMENTI U APPARAT MAĦSUBA GĦALL-RI¬ERKA MEDIKA, T-TWAQQIF TA' DIJAGNOSI MEDIKU JEW TWETTIQ TA' KURA MEDIKA

L-Artikolu 63a

1. Strumenti u apparat maħsuba għal riċerka medika, deċiżjoni ta' dijagnosi mediku jew twettiq ta' kura medika li jingħataw bħala donazzjoni minn xi organizzazzjoni ta' karità jew filantropika jew minn indivdwu privat lill-awtoritajiet tas-saħħa, dipertimenti ta' l-isptar jew istituzzjonijiet għar-riċerka medika approvata mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex jirċievu dawk l-oġġetti ħielsa mid-dazju, jew li huma mixtrija minn dawk l-awtoritajiet tas-saħħa, spartijiet jew istituzzjonijiet ta' riċerka medika kollha kemm huma b'fondi provduti minn xi organizzazzjoni ta' karità jew filantropika jew b'kontribuzzjonijiet volontarji, għandhom jiddaħlu ħielsa mid-dazji ta' importazzjoni, dejjem sakemm jiġi stabbilit illi:

(a) id-donazzjoni ta' l-istrumenti jew apparat msemmi ma taħbix xi interess kummerċjali min naħa tad-donatur;

u

(b) id-donatur bl-ebda mod ma jkollu konnessjoni mal-manifattur ta' l-istrumenti jew apparat li dwaru jintalab il-ħelsien.

2. Il-ħelsien għandu japplika wkoll, bla ħsara għall-istess kondizzjonijiet, għal:

(a) partijiet ta' rikambju, komponenti jew aċċessorji speċifikament addattati għall-imsemmija strumenti jew apparat, sakemm dawn l-partijiet ta' rikambju komponenti jew aċċessorji jkunu importati fl-istess żmien bħal dawk ta' l-istrumenti jew apparat jew, meta jiġu importati wara, ikunu jistgħu jiġu identifikati bħala li jkunu

▼M5

maħsuba għall-istrumenti jew apparat imdaħħal qabel ħieles mid-dazju:

(b) għodda li għandhom jintużaw għall-manutenzjoni, verifikazzjoni, kalibrazzjoni jew tiswija ta' l-istrumenti jew apparat, sakemm dawn l-għodda jiġu importati fl-istess żmien ta' dawk l-istrumenti jew apparat jew, meta jiġu importati wara, jkunu jistgħu jiġu identifikati bħala li jkunu maħsuba għall-istrumenti jew apparat imdaħħal qabel, ħieles mid-dazju:

L-Artikolu 63b

Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 63a, u b'mod partikolari dwar l-istrumeni jew apparat u dawk li ser jirċevuh li għalihom hemm referenza fih, l-Artikoli 56, 57 u 58 għandhom japplikaw mutatis mutandis.

▼M3

IT-TITOLU IVb

IR-RIFERENZA GĦAS-SUSTANZI GĦALL-KONTROLL TAL-KWALITÀ TA' PRODOTTI MEDIĊINALI

L-Artikolu 63c

Kunsinni li jikkontjenu kampjuni ta' sustanzi ta' riferenza approvati mill-Organizzazzjoni għas-Saħħa Dinjija għall-kontroll ta' kwalità ta' materjali wżati fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti mediċinali u li huma indirizzati lil min jagħmel il-kunsinna awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex jirċievu kunsinni bħal dawn ħielsa mid-dazju għandhom jiġu ammessi ħielsa minn dazji fuq l-importazzjoni.

▼B

IT-TITOLU XV

PRODOTTI FARMAĊEWTIĊI UŻATI F'AVVENIMENTI TA' L-ISPORT INTERNAZZJONALI

L-Artikolu 64

Prodotti farmaċewtiċi għal użu mediku tal-bniedem jew veterinarju minn persuni jew annimali ġejjin minn terzi pajjiżi biex jieħdu sehem f'avvenimenti ta' l-isport internazzjonali organizzati fit-territorju doganali tal-Komunità, għandhom, fi ħdan il-limiti meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom matul il-permanenza tagħhom f'dak it-territorju, jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

IT-TITOLU XVI

OĠĠETTI GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET TA' KARITÀ JEW FILANTROPIĊI: OĠĠETTI MAĦSUBIN GĦALL-GĦOMJA U PERSUNI OĦRA B'DIŻABBILTÀ

A. **Għal għanijiet ġenerali**

L-Artikolu 65

1. Bla ħsara għall-Artikoli 67 u 68, dawn li ġejjin għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni, sakemm dan ma jagħtix lok għal abbużi jew distorzjonijiet kbar tal-kompetizzjoni:

(a) Neċessitajiet bażiċi importati minn organizzazzjonijiet ta' l-Istat jew organizzazzjonijiet ta' karità jew filantropiċi oħra approvati mill-awtoritajiet kompetenti għal distribuzzjoni bla ħlas lil persuni fil-bżonn;

(b) Oġġetti ta' kull deskrizzjoni mibgħuta mingħajr ħlas, minn persuna jew organizzazzjoni stabbilita f'pajjiż terz, u mingħajr intenzjoni

▼B

kummerċjali min-naħa ta' min qed jibgħat, lil organizzazzjonijiet ta' l-Istat jew organizzazzjonijiet ta' karità jew filantropiċi oħra approvati mill-awtoritajiet kompetenti, li jintużaw għal ġbir ta' fondi f'avvenimenti okkażjonali ta' karità għal benefiċċju ta' persuni fil-bżonn;

(ċ) apparat u materjali ta' l-uffiċċju mibgħuta mingħajr ħlas, minn persuna jew organizzazzjoni stabbilita barra ►M3 l-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄, u mingħajr ebda intenzjoni kummerċjali min-naħa ta' min qed jibgħat, lil organizzazzjonijiet ta' karita jew filantropiċi approvati mill-awtoritajiet kompetenti, biex jintużaw biss għall-għan li jissodisfaw il-bżonnijiet ta' ħidma tagħhom jew biex jesegwixxu l-għanijiet karitatevoli jew filantropiċi tagħhom.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1(a), "Neċessitajiet bażiċi" jfissru dawk l-oġġetti meħtieġa għall-bżonnijiet immedjati tal-bnedmin, eż. ikel, mediċina, ħwejjeġ u affarijiet tas-sodda.

L-Artikolu 66

L-ebda eżenzjoni m'għandha tingħata għal:

(a) prodotti alkoħoliċi;

(b) tabakk jew prodotti tat-tabakk;

(ċ) kafè u te;

(d) vetturi bil-mutur ħlief ambulanzi.

L-Artikolu 67

Eżenzjoni għandha tingħata biss lil organizzazzjonijiet li l-proċeduri ta' kontabbiltà tagħhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti biex jissorveljaw il-ħidmiet tagħhom u li joffru l-garanziji meqjusa neċessarji.

L-Artikolu 68

1. L-organizzazzjoni li tibbenefika mill-eżenzjoni ma tistax issellef, tikri jew tittrasferixxi, kemm għal ħlas jew bla ħlas, l-oġġetti u l-apparat imsemmijin fl-Artikolu 65 għal għanijiet barra minn dawk stipulati fil-paragrafu 1(a) u (b) ta' dak l-Artikolu mingħajr notifika minn qabel lill-awtoritajiet kompetenti.

2. Fil-każ li l-oġġetti u t-tagħmir jinsilfu, jinkrew jew jiġu trasferiti lil organizzazzjoni intitolata li tgawdi mill-eżenzjoni skond l-Artikoli 65 u 67, l-eżenzjoni għandha tkompli tingħata sakemm din ta' l-aħħar tuża l-oġġetti u t-tagħmir għal għanijiet li jikkonferixxu d-dritt għal tali eżenzjoni.

F'każijiet oħra, self, kiri jew trasferiment għandhom ikunu soġġetti għal ħlas minn qabel ta' dazji fuq l-importazzjoni, bir-rata li tapplika fid-data tas-self, kiri jew trasferiment, fuq il-bażi tat-tip ta' oġġetti jew attrezzatura u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

L-Artikolu 69

1. Organizzazzjonijiet li għalihom issir referenza fl-Artikolu 65 li ma jibqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet li jagħtu d-dritt għall-eżenzjoni, jew li qed jipproponu li jużaw l-oġġetti jew l-attrezzatura li ddaħħlet mingħajr dazju għal għanijiet barra minn dawk li hemm dispożizzjoni għalihom f'dak l-Artikolu, għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti b'dan.

2. Oġġetti u attrezzatura li jibqgħu fil-pussess ta' organizzazzjonijiet li ma jibqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet li jagħtu dritt għal eżenzjoni għandhom jinkorru d-dazji fuq l-importazzjoni relevanti bir-rata li tapplika fid-data li fiha dawk il-kondizzjonijiet ma jibqgħux issodisfati,

▼B

fuq il-bażi tat-tip ta' oġġetti u attrezzatura u l-valur doganali kif aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

3. Oġġetti u attrezzatura użati mill-organizzazzjoni li tgawdi mill-eżenzjoni għal skopijiet oħra minbarra dawk li hemm dispożizzjoni għalihom fl-Artikolu 65 għandhom jinkorru d-dazji fuq l-importazzjoni relevanti bir-rata li tapplika fid-data li fiha huma ġew adoperati għal użu ieħor, fuq il-bażi tat-tip ta' oġġetti u attrezzatura u l-valur doganali kif aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

B. **Għall-benefiċċju ta' persuni b'diżabbiltà**

1. *Oġġetti għall-użu ta' l-għomja*

L-Artikolu 70

Oġġetti mfasslin b'mod speċjali għall-avvanzament edukattiv, xjentifiku jew kulturali ta' persuni għomja, kif speċifikat fl-Anness III, għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

L-Artikolu 71

Oġġetti mfasslin b'mod speċjali għall-avvanzament edukattiv, xjentifiku jew kulturali ta' persuni għomja, kif speċifikati fl-Anness IV, għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni sakemm huma jkunu impurtati minn:

— jew il-persuni għomja nfushom jew għall-użu tagħhom,

— jew istituzzjoni jew organizzazzjonijiet involuti fl-edukazzjoni ta' jew l-għoti ta' għajnuna lill-għomja, approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru għall-għan ta' dħul mingħajr dazju ta' dawn l-oġġetti.

L-eżenzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tapplika għal partijiet ta' rikambju, komponenti jew aċċessorji speċifikatament għall-oġġetti konċernati, u l-għodda li jridu jintużaw għall-manutenzjoni, kontroll, kalibrazzjoni jew tiswija ta' l-oġġetti msemmijin, sakemm tali partijiet ta' rikambju, komponenti, aċċessorji jew għodda huma importati fl-istess waqt ma' l-oġġetti imsemmijin jew, jekk impurtati sussegwentement, jkunu jistgħu jiġu identifikati bħala intiżi għall-oġġetti mdaħħla preċedentement mingħajr dazju, jew li kieku jkunu intitolati għal eżenzjoni fil-mument meta tali eżenzjoni qed tintalab għall-partijiet ta' rikambju, komponenti jew aċċessorji u għodda speċifiċi konċernati.

2. *Oġġetti għall-użu ta' persuni oħra b'diżabbilità*

▼M5

L-Artikolu 72

1. Oġġetti speċjalment maħsuba għall-edukazzjoni, impieg, avvanz soċjali ta' persuni fiżikament jew mentalment inkapaċitati ħlief għal persuni għomja għandhom jiddaħlu ħielsa mid-dazji ta' importazzjoni meta jiġu importati:

— jew mill-persuni inkapaċitati nfushom għall-użu tagħhom;

— jew minn istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet li huma prinċipalment mdaħħla fl-edukazzjoni ta' jew fil-provvista ta' għajnuna lill-persuni iinkapaċitati u li huma awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati membri biex jirċievu dawk l-oġġetti ħielsa mid-dazju.

2. Il-ħelsien li għalih jirreferi l-paragrafu 1 għandu japplika għal partijiet ta' rikambju, komponenti jew aċċessorji speċifikament għall-oġġetti in kwistjoni, u għall-għodda li għandhom jintużaw għall-manutensjoni verifikazzjoni, kalibrazzjoni jew tiswija ta l-imsemmija oġġetti sakemm dawk l-partijiet ta' rikambju, komponenti, aċċessorji jew

▼M5

għodda jiġu importati fl-istess żmien bħal dak ta' l-imsemmija, jew, meta dawn jiġu importati wara, jkunu jistgħu jiġu identifikati bħala li huma maħsuba għall-oġġetti li kienu ddaħħlu qabel ħielsa mid-dazju, jew li jkunu ntitolati għall-ħelsien fiż-żmien meta dak il-ħelsien jiġi mitlub għall- partijiet ta' rikambju, komponanti jew aċċessprji u għodda speċifiċi msemmija.

L-Artikolu 73

Fejn meħtieġ, ċerti oġġetti jistgħu, skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 143(2) u (3), jiġu eskluži mid-dritt tal-ħelsien min dażju, fejn jinstab li d-dħul b'ħelsien mid-dazju ta' dawk l-oġġetti jkun ta' ħsara għall-interessi ta' l-industrija tal-Komunità fis-settur tal-produzzjoni konċernat.

———————

▼B

3. *Dispożizzjonijiet komuni*

▼M5

L-Artikolu 75

L-għotja diretta ta' ħelsien, għall-użu proprju tagħhom, lill-persuni għomja jew lill-persuni inkapaċitati oħra, kif jipprovdi l-ewwel indent ta' l-Artikolu 71 u l-ewwel indent ta' l-Artikolu 72(1), għandu jkun suġġett għall-kondizzjoni li d-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri ikunu jagħtu d-dritt lill-persuni konċernati li jistabbilixxu l-istatus tagħhom bħala persuni għomja jew inkapaċitati intitolati għal dak il-ħelsien.

L-Artikolu 76

1. L-oġġetti importati ħielsa mid-dazju minn persuni li għalihom jirreferi l-Artikoli 71 u 72 m'għandhomx jiġu mislufa, mikrija jew trasferit sew bi ħlas jew bla ħlas, mingħajr in-notifikazzjoni tagħhom minn qabel lill-awtoritajet kompetenti.

2. Jekk xi oġġett jiġi misluf, mikri jew trasferit lil xi persuna, istituzzjoni jew organizzazzjoni ntitolata għall-benefiċċju ta' ħelsien skond l-Artikoli 71 jew 72, il-ħelsien għandu jibqa' jingħata sakemm il-persuna, istituzzjoni jew l-organizzazzjoni jużaw l-oġġett, għall-għanijiet li jagħtu d-dritt għal dak il-ħelsien.

Fil-każi l-oħra, is-self, kiri jew trasferiment għandu jkun suġġett għall-ħlas minn qabel tad-dazji ta' importazzjoni, bir-rata applikabbli fid-data tas-self, kiri jew trasferiment, fuq il-bażi tat-tip ta' oġġetti jew apparat u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

L-Artikolu 77

1. Oġġetti importati minn istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet eliġibbli għall-ħelsien skond il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikoli 71 u 72 jistgħu jiġu mislufa, mikrja jew trasfertiti, sew bi ħlas jew bla ħlas, minn dawn l-istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet fuq bażi li ma jsirx profitt lill-għomja u lill-persuni oħra inkapaċitati li magħhom għandhom x'jaqsmu, mingħajr il-ħlas tad-dazji doganali korrispondenti.

2. L-Ebda self, kiri jew trasferiment ma jista' jsir taħt kondizzjonijiet oħra ħlief dawk li għalihom jipprovdi l-paragrafu 1 sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux l-ewwel ġew mgħarrfa.

Jekk xi oġġett jiġi misluf, mikri jew trasferit lil xi persuna, istituzzjoni jew organizzazzjoni ntitolata għall-benefiċċju ta'ħelsien skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikoli 71 jew l-Artikolu 72(1), il-ħelsien għandu jibqa'

▼M5

jingħata sakemm il-persuna, istituzzjoni jew l-organizzazzjoni jużaw l-oġġett, għall-għanijiet li jagħtu d-dritt għal dak il-ħelsien.

F'każijiet oħra, is-self, kiri jew trasferiment għandu jkun suġġett għall-ħlas minn qabel tad-dazji doganali, bir-rata applikabbli fid-data tas-self, kiri jew trasferiment, fuq il-bażi tat-tip ta' oġġetti jew apparat u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

▼B

L-Artikolu 78

1. Istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet msemmijin fl-Artikoli 71 u 72 li ma jibqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet li jagħtu d-dritt għal dħul mingħajr dazju, jew li qed jipproponu li jużaw l-oġġetti mdaħħla mingħajr dazju għal skopijiet oħra barra dawk li hemm dispożizzjoni għalihom f'dawk l-Artikoli għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti b'dan.

2. Oġġetti li jibqgħu fil-pussess ta' istituzzjoni jew organizzazzjonijiet li ma jibqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet li jagħtuhom id-dritt għall-eżenzjoni għandhom jkunu soġġetti li jħallsu d-dazji fuq l-importazzjoni relevanti bir-rata li tapplika fid-data meta l-kondizzjonijiet ma baqgħux jiġu ssodisfati, fuq il-bażi tat-tip ta' oġġetti u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

3. Oġġetti użati minn istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet li jgawdu mill-eżenzjoni għal skopijiet oħra minbarra dawk li hemm dispożizzjoni għalihom fl-Artikoli 71 u 72 għandhom ikunu soġġetti għad-dazji fuq l-importazzjoni relevanti bir-rata li tapplika fid-data meta ġew adoperati għal użu ieħor, fuq il-bażi tat-tip ta' oġġetti u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

Ċ. **Għall-benefiċċju ta' vittmi ta' diżastri**

L-Artikolu 79

1. Bla ħsara għall-Artikoli 80 sa 85, oġġetti importati minn organizzazzjonijiet ta' l-istat jew organizzazzjonijiet oħra ta' karità jew fiilantropiċi approvati mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni meta huma maħsuba:

(a) biex jitqassmu mingħajr ħlas lil vittmi ta' diżastri li jaffettaw it-territorju ta' wieħed jew aktar Stati Membri; jew

(b) biex jkunu disponibbli mingħajr ħlas għal vittmi ta' diżastri bħal dawn, filwaqt li jibqgħu propjetà tal-organizzazzjonijiet konċernati.

2. Oġġetti importati għal ċirkolazzjoni ħielsa minn aġenziji ta' għajnuna f'diżastri sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom matul il-perjodu ta' l-attività tagħhom għandhom jingħataw l-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu, taħt l-istess kondizzjonijiet.

L-Artikolu 80

L-ebda eżenzjoni m'għandha tingħata għal materjali u attrezzatura maħsubin biex jinbnew mill-ġdid żoni diżastrati.

L-Artikolu 81

L-għoti ta' l-eżenzjoni għandha tkun soġġetta għal deċiżjoni mill-Kummissjoni, li timxi fuq talba ta' l-Istat jew Stati Membri involuti skond il-proċedura ta' emerġenza li teħtieġ il-konsultazzjoni ma' l-Istati Membri l-oħra. Din id-deċiżjoni għandha, fejn meħtieġ, tistipula l-firxa u l-kondizzjonijiet ta' l-eżenzjoni.

▼B

Pendenti n-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-Istati Membri affettwati minn diżastru jistgħu jawtorizzaw is-sospensjoni ta' kull dazju fuq l-importazzjoni fuq oġġetti impurtati għall-għanijiet deskritti fl-Artikolu 79, soġġett għal impenn mill-organizzazzjonijiet li qed jimpurtaw li jħallsu dawk id-dazji jekk l-eżenzjoni ma tingħatax.

L-Artikolu 82

L-eżenzjoni għandha tingħata biss lil organizzazzjonijiet li l-proċeduri kontabbili tagħhom jagħtu l-possibbiltà lill-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw il-ħidmiet tagħhom u li joffru l-garanziji kollha li jitqiesu meħtieġa.

L-Artikolu 83

1. L-organizzazzjonijiet li jgawdu mill-eżenzjoni ma jistgħux iselfu, jikru jew jittrasferixxu kemm għal ħlas jew mingħajr ħlas, l-oġġetti msemmijin fl-Artikolu 79(1) taħt kondizzjonijiet oħra minbarra dawk stipulati f'dak l-Artikolu mingħajr ma javżaw lill-awtoritajiet kompetenti b'dan minn qabel.

2. Fil-każ li l-oġġetti jinsilfu, jinkrew jew jiġu trasferiti lil organizzazzjoni li hija intitolata li tgawdi mill-eżenżjoni skond l-Artikolu 79, l-eżenzjoni għandha tkompli tingħata, sakemm din ta' l-aħħar tuża l-oġġetti għal għanijiet li jikkonferixxu d-dritt għal tali eżenzjoni.

F'każijiet oħra, self, kiri jew trasferiment għandhom ikunu soġġetti għal pagament minn qabel ta' dazji fuq l-importazzjoni, bir-rata li tapplika fid-data tas-self, kiri jew trasferiment, skond it-tip ta' oġġetti u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

L-Artikolu 84

1. L-oġġetti msemmijin fl-Artikolu 79(1)(b), wara li ma jibqgħux jintużaw minn vittmi ta' diżastri, ma jistgħux jinsilfu, jinkrew jew jiġu trasferiti, kemm bi ħlas jew mingħajr ħlas mingħajr ma jiġu notifikati l-awtoritajiet kompetenti minn qabel.

2. Fil-każ li l-oġġetti jinsilfu, jinkrew jew jiġu trasferiti lil organizzazzjoni li hija intitolata li tgawdi minn eżenzjoni skond l-Artikolu 79 jew, jekk xieraq, lil organizzazzjoni intitolata li tgawdi minn eżenzjoni skond l-Artikolu 65(1)(a), l-eżenzjoni għandha tkompli tingħata, sakemm tali organizzazzjonijiet jużawhom għal għanijiet li jikkonferixxu dritt għal tali eżenzjoni.

F'każijiet oħra, self, kiri jew trasferiment għandhom ikunu soġġetti għal pagament minn qabel ta' dazji fuq l-importazzjoni, bir-rata li tapplika fid-data tas-self, kiri jew trasferiment, skond it-tip ta' oġġetti u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

L-Artikolu 85

1. Organizzazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 79 li ma jibqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet li jintitolawhom għal eżenzjoni, jew li qed jipproponu li jużaw l-oġġetti mdaħħla mingħajr dazju għal għanijiet oħra minbarra dawk li hemm dispożizzjoni għalihom f'dak l-Artikolu, għandhom jinfurmaw l-awtoritajiet kompetenti b'dan.

2. Fil-każ ta' oġġetti li jibqgħu fil-pussess ta' organizzazzjonijet li ma jibqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet li jintitolawhom għal eżenzjoni, meta dawn jiġu trasferiti lil organizzazzjoni li hija intitolata li tgawdi minn eżenzjoni skond l-Arikolu 79 jew, jekk xieraq, lil organizzazzjoni intitolata tgawdi minn eżenzjoni skond l-Artikolu 65(1)(a), l-eżenzjoni għandha tkompli tingħata, sakemm l-organizzazzjoni tuża l-oġġetti kkonċernati għal għanijiet li jikkonferixxu d-dritt għal tali eżenzjoni. F'każijiet oħra, l-oġġetti għandhom ikunu soġġetti għad-dazji fuq l-

▼B

importazzjoni relevanti bir-rata li tapplika fid-data li fiha dawk il-kondizzjonijiet ma baqgħux issodisfati, fuq il-bażi tat-tip ta' oġġetti u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

3. Oġġetti użati mill-organizzazzjoni li tgawdi mill-eżenzjoni għal għanijiet oħra minbarra dawk li hemm provdut għalihom fl-Artikolu 97 għandhom jkunu soġġetti għad-dazji fuq l-importazzjoni relevanti bir-rata li tapplika fid-data li fiha ġew adoperati għal użu ieħor, fu il-bażi tat-tip ta' oġġetti u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

IT-TITOLU XVII

DEKORAZZJONIJIET ONORARJI JEW PREMJIJIET

L-Artikolu 86

Fuq produzzjoni ta' evidenza sodisfaċenti lill-awtoritajiet kompetenti minn persuni involuti, u sakemm il-ħidmiet involuti m'huma fl-ebda mod ta' natura kummerċjali, dawn li ġejjin għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni:

(a) dekorazzjonijiet mogħtija minn gvernijiet ta' terzi pajjiżi lil persuni li l-post ta' residenza normali tagħhom huwa fit-territorju doganali ►M3 tal-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄;

(b) tazzi, medalji u oġġetti simili ta' natura essenzjalment simbolika, li ingħataw f'terzi pajjiżi lil persuni li għandhom il-post ta' residenza normali tagħhom fit-territorju doganali ►M3 tal-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄ bħala tribut ta' l-attivitajiet tagħhom f'kampijiet bħall-arti, ix-xjenzi, l-isport jew servizz pubbliku jew bħala rikonoxximent għal mertu f'avveniment partikolari, huma importati ►M3 fil-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄ minn dawn il-persuni nnifishom;

(ċ) tazzi, medalji, jew oġġetti simili ta' natura essenzjalment simbolika li jingħataw b'xejn minn awtoritajiet jew persuni stabbiliti f'pajjiż terz biex jiġu ppreżentati fit-territorju doganali ►M3 tal-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄ għall-istess għanijiet bħal dawk msemmijin f'(b);

▼M3

(d) premji, trofej u tifkiriet ta' natura simbolika u ta' valur limitat maħsuba għal distribuzzjoni b'xejn lill-persuni normalmenti residenti f'pajjiżi terzi f'konferenzi tan-negozju jew okkazjonijiet simili internazzjonali; ix-xorta tagħhom, il-valur unitarju jew fatturi oħra, ma jistgħux ikunu tali li jistgħu jindikaw li huma mpurtati għal raġunijiet kummerċjali.

▼B

IT-TITOLU XVIII

RIGALI RIĊEVUTI FIL-KUNTEST TA' RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

L-Artikolu 87

Mingħajr ħsara, fejn relevanti, għall-Artikoli 45 sa 49, u bla ħsara għall-Artikoli 88 u 89 hawn taħt, eżenzjoni għandha tingħata għal oġġetti:

(a) impurtati fit-territorju doganali ►M3 tal-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄ minn persuni li għamlu żjara uffiċjali lil pajjiż terz u li rċevewhom bħala rigali mill-awtoritajiet ospitanti;

(b) impurtati fit-territorju doganali ►M3 tal-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄ minn persuni li ġew jagħmlu żjara uffiċjali ►M3 fil-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄ u li għandhom

▼B

intenzjoni joffruhom f'dik l-okkażjoni bħal rigali lill-awtoritajiet ospitanti;

(ċ) mibgħuta bħala rigali, bħala rigal ta' ħbiberija jew ta' volontà tajba, minn korp uffiċjali, awtorità jew grupp pubbliku, li jesegwixxu attività fl-interess pubbliku li jinstab f'pajjiż terz, lil korp uffiċjali, awtorità jew grupp pubbliku li jesegwixxi attività fl-interess pubbliku li jinstab ►M3 fil-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄ u approvat mill-awtoritajiet kompetenti biex jirċievu oġġetti bħal dawn mingħajr dazju.

L-Artikolu 88

L-ebda eżenzjoni m'għandha tingħata għal prodotti alkoħoliċi, tabakk jew prodotti ta' tabakk.

L-Artikolu 89

Eżenzjoni għandha tingħata biss:

— fejn l-oġġetti maħsubin bħala rigali jiġu offerti fuq bażi okkażjonali,

— fejn, min-natura, valur jew kwantità tagħhom, ma jirriflettux interess kummerċjali,

— jekk ma jintużawx għal għanijiet kummerċjali.

IT-TITOLU XIX

OĠĠETTI LI ĦA JINTUŻAW MINN MONARKI JEW KAPIJIET TA' STAT

L-Artikolu 90

Dawn li ġejjin għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni, fi ħdan il-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet kompetenti:

(a) rigali lil monarki renjanti u kapijiet ta' l-Istat;

(b) oġġetti li jintużaw jew jiġu kkunsmati minn monarki jew kapijiet ta' stat ta' terzi pajjiżi, jew persuni li qed jirrapreżentawhom uffiċjalment matul il-permanenza uffiċjali tagħhom fit-territorju doganali tal-Komunità. Iżda, eżenzjoni tista' tkun soġġetta, mill-Istat Membru ta' importazzjonu, għal trattament reċiproku.

Id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu preċedenti huma applikabbli ukoll għal persuni li jgawdu prerogativi fuq livell internazzjonali simili għal dawk li jitgawdew minn monarki renjanti u kapijiet ta' Stat.

IT-TITOLU XX

OĠĠETTI IMPORTATI GĦAL SKOPIJIET TA' PROMOZZJONI KUMMERĊJALI

A. **Kampjuni ta' oġġetti ta' valur negliġibbli**

L-Artikolu 91

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 95(1)(a), kampjuni ta' oġġetti li huma ta' valur negliġibbli u li jistgħu jintużaw biss biex iħeġġu ordnijiet għal oġġetti tat-tip li jirrappreżentaw bil-ħsieb li jiġu importati fit-territorju doganali tal-Komunità għandhom jiddaħħlu mingħajr dazju fuq l-importazzjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li ċerti oġġetti, sabiex jikkwalifikaw għal eżenzjoni, jsiru inutilizzabbli b'mod permanenti,

▼B

billi jitqattgħu, jittaqbu, jew ikunu mmarkati b'mod ċar u li ma jitħassarx, jew permezz ta' kwalunkwe proċess ieħor, sakemm ħidma bħal dik ma tħassarx il-karattru tagħhom bħala kampjuni.

3. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, "kampjuni ta' oġġetti" jfissru kull oġġett li jirrappreżenta tip ta' oġġetti li l-mod ta' rappreżentazzjoni u l-kwantità tagħhom, għal oġġetti ta' l-istess tip u kwalità, jeskludu l-użu tagħhom għal kull għan ieħor ħlief dak li jfittex ordnijiet.

B. **Materja stampata u materjal ta' reklamar**

L-Artikolu 92

Bla ħsara għall-Artikolu 93, materja ta' reklamar stampata bħal katalgi, listi ta' prezzijiet, direzzjoniiet għal użu jew fuljetti għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni, sakemm għandhom x'jaqsmu ma:

(a) oġġetti għal bejgħ jew kiri, jew

(b) trasport, assigurazzjoni kummerċjali jew servizzi bankarji offerti

minn persuna stabbilita barra t-territorju doganali tal-Komunità.

L-Artikolu 93

L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 92 għandha tkun limitata għal riklami stampati li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-materja stampata għandha tindika b'mod ċar l-isem ta' l-impriża li tipproduċi, tbigħ jew tikri l-oġġetti, jew li toffri s-servizzi li għalihom tirreferi;

(b) Kull konsenja għandha jkollha mhux aktar minn kopja waħda ta' kull dokument jekk tikkonsisti minn bosta dokumenti. Konsenji li jikkonsistu f'bosta kopji ta' l-istess dokument jistgħu iżda jingħataw eżenzjoni, sakemm il-piż gross totali tagħhom ma jaqbiżx kilogramma;

(ċ) Materja stampata ma tistax tkun is-soġġett ta' konsenji miġbura mill-istess konsenjatur lill-istess konsenjatarju.

L-Artikolu 94

L-oġġetti għal għanijiet ta' reklamar, ta' l-ebda valur kummerċjali intrinsiku, mibgħuta bla ħlas minn fornituri lil klijenti tagħhom, li apparti mill-funzjoni ta' reklamar, mhumiex kapaċi li jintużaw mod ieħor, għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

Ċ. **Prodotti użati jew ikkunsmati f'fiera tal-kummerċ jew avveniment simili**

L-Artikolu 95

1. Bla ħsara għall-Artikoli 96 sa 99, is-segwenti għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni:

(a) kampjuni rappreżentattivi żgħar ta' oġġetti fabbrikati barra t-territorju doganali tal-Komunità maħsuba għal fiera tal-kummerċ jew avveniment simili;

(b) oġġetti impurtati biss sabiex jintwerew jew sabiex juri magni u apparat, fabbrikati barra t-territorju doganali tal-Komunità u esposti f'fiera tal-kummerċ jew avveniment simili;

(ċ) materjali varji ta' valur żgħir bħal żebgħat, verniċi, *wallpaper*, eċċ., użat fil-bini, armar u dekorazzjoni ta' l-i *stands* temporanji okkupati

▼B

minn rappreżentanti ta' terzi pajjiżi f'fiera tal-kummerċ jew avveniment simili, li jiġu distrutti bl-użu tagħhom;

(d) materja stampata, katalgi, prospetti, listi ta' prezzijiet, manifesti ta' reklamar, kalendarji, kemm jekk illustrati jew le, fotografiji mhux inkwatrati u oġġetti oħra provduti mingħajr ħlas sabiex jiġu reklamati oġġetti fabbrikati barra t-territorju doganali tal-Komunità u esposti f'fiera tal-kummerċ jew avveniment simili.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, "fiera tal-kummerċ jew avveniment simili" jfisser:

(a) esibizzjonijiet, fieri, spettakli u avvenimenti simili marbutin mal-kummerċ, l-industrija, l-agrikoltura jew artiġġjanat manwali;

(b) esibizzjonijiet u avvenimenti prinċiplament għal skopijiet ta' karità;

(ċ) esibizzjonijiet u avvenimenti li jsiru prinċiplament għal skopijiet xjentifiċi, tekniċi, artiġġjanali, artistiċi, edukattivi jew kulturali, jew sportivi, għal skopijiet reliġjuži jew għal finijiet ta' qima, attività ta' *trade unions* jew turiżmu, jew sabiex jitħeġġeġ ftehim internazzjonali;

(d) laqgħat ta' rappreżentanti ta' organizazzjonijiet internazzjonali jew korpi kollettivi;

(e) ċerimonji u laqgħat uffiċjali jew kommemorattivi;

imma mhux esibizzjonijiet imtellgħin għal skopijiet privati fi mħażen jew bini kummerjali biex jinbiegħu oġġetti ta' terzi pajjiżi.

L-Artikolu 96

L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 95(1)(a) għandha tkun limitata għal kampjuni li:

(a) huma importati mingħajr ħlas bħala tali minn terzi pajjiżi jew li huma miksuba fl-esebizzjoni minn oġġetti impurtati bl-ingrossa minn dawk il-pajjiżi;

(b) huma distribwiti esklussivament mingħajr ħlas lill-pubbliku fl-esebizzjoni għal użu u konsum mill-persuni lil min ġew offruti;

(ċ) huma identifikabbli bħala kampjuni ta' reklamar ta' valur unitarju baxx;

(d) ma jistgħux jinbiegħu faċilment u, fejn xieraq, huma ppakkjati b'tali mod li l-kwantità ta' l-oġġett involut huma inqas mill-iżgħar kwantità ta' l-istess oġġett li fil-fatt jinbiegħ fis-suq;

(e) fil-każ ta' affarijiet ta' l-ikel u xorb mhux ippakkjati kif imsemmi f'(d), huma kkunsmati fuq il-post fl-esebizzjoni;

(f) fil-valur u l-kwantità tagħhom, jixirqu lin-natura ta' l-esebizzjoni, in-numru ta' viżitaturi u l-medda tal-parteċipazzjoni ta' l-esebitur.

L-Artikolu 97

L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 95(1)(b)għandha tkun limitata għal oġġetti li huma:

(a) ikkunsmati jew imkissra waqt il-wirja, u

(b) xierqa, fil-valur u l-kwantità totali tagħhom, għan-natura ta' l-esebizzjoni, in-numru ta' viżitaturi u l-medda tal-parteċipazzjoni ta' l-esebitur.

L-Artikolu 98

L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 95(1)(d) għandha tkun illimitata għal materja stampata u oġġetti għal skopijiet ta' reklamar:

▼B

(a) huma maħsuba esklussivament għal distribuzzjoni mingħajr ħlas lill-pubbliku fil-post fejn qed tittella' l-esebizzjoni;

(b) fil-valur u l-kwantità totali tagħhom, jixirqu lin-natura ta' l-esebizzjoni, in-numru ta' viżitaturi u l-medda tal-parteċipazzjoni ta' l-esibitur.

L-Artikolu 99

L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 95(1)(a) u (b) m'għandhiex tingħata għal:

(a) prodotti alkoħoliċi;

(b) tabakk jew prodotti tat-tabakk;

(ċ) karburanti, kemm solidi, likwidi jew tal-gass.

IT-TITOLU XXI

OĠĠETTI IMPORTATI GĦAL EŻAMI, ANALIŻI JEW SKOPIJIET TA' PROVA

L-Artikolu 100

Bla ħsara għall-Artikoli 101 sa 106, oġġetti li ħa jiġu sottoposti għal eżami, analiżi, jew testijiet biex jiġu determinati l-kompożizzjoni, kwalità jew karatteristiċi tekniċi oħra tagħhom għal skopijiet ta' informazzjoni jew riċerka industrijali jew kummerċjali għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

L-Artikolu 101

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 104, l-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 100 għandha tingħata biss bil-kondizzjoni li l-oġġetti li ħa jiġu eżaminati, analizzati jew testjati huma użati kompletament jew distrutti waqt l-eżami, analiżi jew prova.

L-Artikolu 102

Oġġetti użati f'eżami, analiżi jew testijiet li fihom infushom jikkostitwixxu ħidmiet ta' promozzjoni ta' bejgħ m'għandhomx igawdu eżenzjoni.

L-Artikolu 103

Eżenzjoni għandha tingħata biss fir-rigward ta' kwantitajiet ta' oġġetti li huma strettament meħtieġa għall-iskop li għalihom ġew importati. Dawn il-kwantitajiet għandhom ikunu determinati f'kull każ mill-awtoritajiet kompetenti, billi jitqies l-iskop imsemmi.

L-Artikolu 104

1. L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 100 għandha tkopri l-oġġetti li mhumiex kompletament użati jew distrutti matul l-eżami, analiżi jew prova, sakemm il-prodotti li jibqgħu huma, bil-ftehim ma' l-awtoritajiet kompetenti u taħt is-superviżjoni tagħhom:

— distrutti kompletament jew magħmula kummerċjalment mingħajr valur ma' tmiem l-eżami, analiżi jew prova, jew

— mogħtija lill-Istat mingħajr ma jikkawżawlu spiża, meta dan huwa possibbli skond il-liġi nazzjonali, jew

— f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, esportati barra mit-territorju doganali tal-Komunità.

▼B

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, "prodotti li jibqgħu" jfissru prodotti li jirriżultaw minn eżami, analiżi jew pova ta' oġġetti fil-fatt mhux użati.

L-Artikolu 105

Ħlief fejn jiġi applikat l-Artikolu 104(1), prodotti li jibgħu fi tmiem l-eżami, analiżi jew testijiet msemmijin fl-Artikolu 100 għandhom ikunu soġġetti għad-dazji fuq l-importazzjoni relevanti bir-rata applikabbli fid-data ta' tmiem l-eżamijiet, analiżi jew testijiet, fuq il-bażi tat-tip ta' oġġetti u l-valur doganali aċċertat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

Iżda, l-persuna interessata tista', bi ftehim u taħt is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, jikkonverti l-prodotti li jibqgħu f' żibel jew skart. F'dan il-każ, id-dazji fuq l-importazzjoni għandhom jkunu dawk li japplikaw għal tali żibel jew skart fiż-żmien tal-konverżjoni.

L-Artikolu 106

Il-perjodu li għandhom isiru l-eżamijiet, l-analiżi jew testijiet u jintemmu l-formalitajiet amministrattivi sabiex jiġi żgurat l-użu ta' l-oġġetti għas-skopijiet maħsubin għandu jkun ddeterminat mill-awtoritajiet kompetenti.

IT-TITOLU XXII

KONSENJI MIBGĦUTA LILL-ORGANIZZAZZJONIJIET LI JIPPROTEĠU D-DRITTIJIET TA' L-AWTUR JEW DRITTIJIET TA' BREVETT INDUSTRIJALI JEW KUMMERĊJALI

L-Artikolu 107

Marki tal-fabbrikka, mudelli jew disinji u dokumenti ta' appoġġ, kif ukoll applikazzjonijiet għal brevetti għal invenzjoni jew affarijiet simili, li ħa jiġu sottomessi lill-korpijiet kompetenti li jittrattaw il-protezzjoni ta' drittijiet ta' l-awtur jew il-protezzjoni ta' drittijiet ta' brevetti industrijali jew kummerċjali, għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

IT-TITOLU XXIII

LETTERATURA TA' TAGĦRIF TURISTIKU

L-Artikolu 108

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 50 sa 59, li ġejjin għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni:

(a) dokumentazzjoni (fuljetti, kotba, rivisti, kotba ta' gwida, manifesti kemm jekk inkwadrati jew le, fotografiji mhux inkwadrati u tkabbir ta' fotografiji, mapep kemm jekk illustrati jew le, *window transparencies*, u kalendarji illustrati) maħsubin għal distribuzzjoni mingħajr ħlas u għall-iskop prinċipali li jħeġġu l-pubbliku li jżur pajjiżi barranin, b'mod partikolari sabiex jattendu laqgħat jew avvenimenti kulturali, turistiċi, sportivi, reliġjużi, kummerċjali jew professjonali, sakemm din il-letteratura ma fihiex aktar minn 25 % ta' materja ta' rekalamar kummerċjali privat, minbarra kull reklamar kummerċjali privat għal ditti tal-Komunità, u li n-natura ġenerali ta' l-għanijiet promozzjonali hija evidenti;

(b) listi ta' lukandi barranin u almanakki ppubblikati mill-aġenziji tat-turiżmu uffiċjali, jew taħt l-awspiċi tagħhom, u skedi għal servizzi ta' trasport barranin, fejn letteratura bħal din hi maħsuba biex titqassam mingħajr ħlas u ma fihiex aktar minn 25 % ta' reklamar

▼B

kummerċjali privat, minbarra reklamar kummerċjali privat għal ditti tal-Komunità;

(ċ) materjal ta' referenza forniti lil rappreżentanti jew korrispondenti akkreditati maħtura minn aġenziji ta' turiżmu nazzjonali uffiċjali u mhux maħsuba għal distribuzzjoni, viz. Almanakki, listi ta' numri telefoniċi jew tat-telex, listi ta' lukandi, katalgi ta' fieri, kampjuni jew oġġetti artiġġjanali ta' valur negliġibbli, u letteratura dwar mużewijiet, universitajiet, *spas* u stabbilimenti oħra simili.

IT-TITOLU XXIV

DOKUMENTI U OĠĠETTI MIXXELANJI

L-Artikolu 109

Is-segwenti għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni:

(a) dokumenti mibgħuta mingħajr ħlas lil servizzi pubbliċi ta' Stati Membri;

(b) pubblikazzjonijiet ta' gvernijiet barranin u pubblikazzjonijiet ta' korpi internazzjonali uffiċjali maħsuba għal distribuzzjoni mingħajr ħlas;

(ċ) karti tal-voti għal elezzjonijiet organizzati minn korpi mwaqqfa f'terzi pajjiżi;

(d) oġġetti li għandhom jiġu sottomessi bħala evidenza jew għal skopijiet simili lill-qrati jew aġenziji uffiċjali oħra ta' l-Istati Membri;

(e) kampjuni ta' firem u ċirkolarijiet stampati li jirrigwardaw firem mibgħuta bħala parti ta' skambji konswetudinarji ta' tagħrif bejn servizzi pubbliċi jew stabbilimenti bankarji;

(f) materja stampata uffiċjali mibgħuta lil banek ċentrali ta' l-Istati Membri;

(g) rapporti, dikjarazzjonijiet, noti, prospetti, formoli ta' applikazzjonijiet u dokumenti oħra abbozzati minn kumpaniji reġistrati f'pajjiż terz u mibgħuta lit-titolari jew persuni abbonati għal garanziji maħruġa minn dawk il-kumpaniji;

(h) *media* reġistrata (*punched cards*, *sound recordings*, *microfilms*, eċċ.) użati għat-trasmissjoni ta' informazzjoni mibgħuta mingħajr ħlas lill-indirizzat, sa fejn id-dħul mingħajr dazju ma jagħtix lok għal abbużi jew għal xkiel kbir ta' kompetizzjoni

(i) skedarji, arkivji, formoli stampati u dokumenti oħra li jintużaw f'laqgħat internazzjonali, konferenzi jew kongressi, u rapporti f'dawk il-laqgħat;

(j) pjanti, tpinġijiet tekniċi, disinji traċċati, deskrizzjonijiet u dokumenti oħra simili importati bil-ħsieb li jinkisbu jew jissodisfaw ordnijiet f'pajjiżi terzi jew li jipparteċipaw f'kompetizzjoni miżmuma fit-territorju doganali tal-Komunità;

(k) dokumenti li ħa jintużaw f'eżamijiet miżmuma fit-territorju doganali tal-Komunità minn istituzzjonijiet imtellgħin f'pajjiżi terzi;

(l) formoli stampati biex jintużaw bħala dokumenti uffiċjali fil-moviment internazzjonali ta' vetturi jew oġġetti, fi ħdan l-istruttura ta' konvenzjonijiet internazzjonali;

(m) formuli stampati, tikketti u dokumenti simili mibgħuta minn impriżi ta' trasport jew minn impriżi ta' l-industrija tal-lukandi f'pajjiż terz lil aġenziji ta' l-ivvjaġġar imwaqqfa fit-territroju doganali tal-Komunità;

(n) formoli stampati u tikketti, poloz, *way-bills* u dokumenti kummerċjali jew ta' l-uffiċċju li ntużaw;

▼B

(o) formoli stampati uffiċjali minn pajjiż terz jew awtoritajiet internazzjonali, u materja stampata li tikkonforma ma' livelli internazzjonali mibgħuta għal distribuzzjoni minn assoċjazzjonijiet ta' pajjiż terz lil assoċjazzjonijiet korrispondenti li jinsabu fit-territorju doganali tal-Komunità;

(p) ritratti, *slides* u *stereotype mats* għal ritratti, kemm jekk b'titolu jew le, mibgħuta lil aġenziji ta' l-istampa jew gazzetti jew edituri ta' rivisti;

▼M3

(q) taxxi u bolol simili ta' prova għall-ħlasijiet ta' ċifri f'pajjiżi terzi.

▼B

IT-TITOLU XXV

MATERJALI ANĊILLARI GĦALL-ISTIVAR U L-PROTEZZJONI TA' OĠĠETTI MATUL IT-TRASPORT TAGĦHOM

L-Artikolu 110

Il-materjali varji bħal ħabel, tiben, ċarrta, karta u kartonċin, injam u plastik li jintużaw għall-istivar u protezzjoni — inkluż protezzjoni mis-sħana — ta' oġġetti matul it-trasport tagħhom minn pajjiż terz lit-territorju doganali tal-Komunità, li normalment ma jerġgħux jintużaw, għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

IT-TITOLU XXVI

TIBEN, GĦALF U IKEL GĦAL ANNIMALI MATUL IT-TRASPORT TAGĦHOM

L-Artikolu 111

Tiben, għalf u ikel ta' kull deskrizzjoni mpoġġi abbord mezz ta' trasport użat biex jieħu annimali minn pajjiż terz għat-territorju doganali tal-Komunità għall-għan ta' distribuzzjoni ta' l-annimali msemmijin matul il-vjaġġ għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

IT-TITOLU XXVII

▼M3

ŻEJT U ŻJUT TAL-MAGNI PREŻENTI F'VETTURI TA' L-ART B'MUTUR U KONTENITURI SPEĊJALI

L-Artikolu 112

1. Soġġett għall-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 113 sa 115:

(a) iż-żejt miżmum fit-tankijiet *standard* ta':

— vetturi b'mutur privati u kummerċjali u muturi,

— kontenituri speċjali,

li jidħlu fit-territorju tad-dwana tal-Komunità;

(b) żejt miżmum f'tankijiet li jistgħu jinġarru merfugħa minn vetturi b'muturi privati u muturi, b'massimu ta' 10 litri għal kull vettura u mingħajr preġudizzju għall-dispożizzjonijiet nazzjonali fuq iż-żamma u t-trasport taż-żejt;

għandhom jiġu ammessi ħielsa mid-dazji fuq l-importazzjoni.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

(a) "vettura b'mutur kummerċjali" tfisser kwalunkwe vettura għat-triq b'mutur (inklużi t-tratturi bil-karrijiet jew mingħajrhom) li bit-tip ta'

▼M3

kostruzzjoni tagħhom u t-tgħammir tagħhom huma mfassla għal u kapaċi jittrasportaw, kemm jekk bil-ħlas jew le:

— iktar minn disa' persuni inkluż is-sewwieq,

— il-merkanzija,

— u kwalunkwe vettura għat-triq għal skop speċifiku li mhux għat-trasport;

(b) "vettura privata b'mutur" tfisser kwalunkwe vettura b'mutur li mhix koperta mid-definizzjoni mwaqqfa f (a);

(ċ) "tankijiet *standard*" ifisser:

— it-tankijiet imwaħħla b'mod permanenti mill-fabbrikant mal-vetturi ta' mutur kollha ta' l-istess tip tal-vettura relattiva u li t-twaħħil permanenti tagħhom jagħmilha possibbli għaż-żjut li jiġu wżati b'mod direttt, kemm għall-iskop tal-propulsjoni kemm, fejn xieraq, matul it-trasport, għas-sistemi ta' tkessiħ u sistemi oħra.

Tankijiet tal-gass imwaħħla fuq vetturi b'mutur imfassla għall-użu direttt tal-gass bħala żejt u tankijiet imwaħħla fuq sistemi oħra li bihom il-vettura tista tiġi mgħammra għandhom ukoll jiġu kkunsidrati bħala tankijiet *standard*,

— it-tankijiet imwaħħla b'mod permanenti mill-fabbrikant mal-kontenituri kollha ta' l-istess tip tal-kontenitur relattiv u li t-twaħħil permanenti tagħhom jagħmilha possibli għaż-żjut li jiġu wżati b'mod direttt għall-operazzjoni, matul it-trasport, ta' sistemi ta' tkessiħ u sistemi oħra li bihom kontenituri speċjali huma mgħammra;.

(d) "kontenitur speċjali" ifisser kwalunkwe kontenitur mgħammar b'apparat speċjalment imfassal għas-sistemi ta' tkessiħ, sistemi ta' ossiġinu, sistemi ta' insulazzjoni termali, jew sistemi oħra.

L-Artikolu 113

Fejn għandu x'jaqsam iż-żejt fit-tankijiet *standard* ta' vetturi b'mutur kummerċjali u kontenituri speċjali, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-applikazzjoni tal-eżenzjoni għal 200 litru għal kull vettura, għal kull kontenitur u għal kull vjaġġ.

▼B

L-Artikolu 114

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont ta' karburant ħieles minn dazju permess fil-każ ta':

— vetturi kummerċjali impenjati fi trasport internazzjonali fiż-żona tal-fruntiera tagħhom sa fond massimu ta' 25 km f'linja dritta, sakemm tali vjaġġi jsiru minn persuni li joqogħdu fiż-żona tal-fruntiera,

— vetturi privati li jappartienu lil persuni li jirresjedu fiż-żona tal-fruntiera speċifikata fl-Artikolu 49(2).

L-Artikolu 115

Karburanti mdaħħla mingħajr dazji taħt l-Artikoli 112 sa 114 ma jistgħux jintużaw f'vetturi oħra minbarra dik li fiha ġew impurtati u l-anqas ma jistgħu jitneħħew min dik il-vettura u maħżuna, ħlief matul tiswijiet meħtieġa lil dik il-vattura, l-anqas ma jistgħu jiġu trasferiti, kemm għal ħlas jew mingħajr ħlas, mill-persuna li tgawdi mill-eżenzjoni.

Ksur tal-paragrafu preċedenti għandu jagħti lok għal applikazzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti konċernati bir-rata viġenti fid-data li fiha sar tali ksur, skond it-tip ta' oġġetti u

▼B

l-valur doganali aċċerat jew aċċettat f'dik id-data mill-awtoritajiet kompetenti.

L-Artikolu 116

L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 112 għandha tapplika ukoll għall-lubrikanti preżenti fil-vetturi u meħtieġa għall-ħidma normali tagħhom matul il-vjaġġ konċernat.

IT-TITOLU XXVIII

MATERJALI GĦALL-KOSTRUZZJONI, MANUTENZJONI JEW TIŻJIN TA' MONUMENTI GĦAL, JEW ĊIMITERI TA', VITTMI TAL-GWERRA

L-Artikolu 117

Oġġetti ta' kull deskrizzjoni, importati minn organizzazzjonijiet awtorizzati għal dan il-għan mill-awtoritajiet kompetenti, li jintużaw għall-kostruzzjoni, manutenzjoni jew tiżjin ta' ċimiteri jew oqbra ta', u monumenti lil, vittmi tal-gwerra ta' terzi pajjiżi li huma midfuna ►M3 fil-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄, għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

IT-TITOLU XXIX

TWIEBET, URNI FUNERARJI JEW OĠĠETTI FUNERARJI TA' TIŻJIN

L-Artikolu 118

1. Dawn li ġejjin għandhom jiddaħħlu mingħajr dazji fuq l-importazzjoni:

(a) twiebet li fihom iġsma jew urni li fihom l-irmied ta' persuni mejtin, kif ukoll il-fjuri, kuruni funerarji u oġġetti oħra ta' tiżjin li normalment jiġu magħhom;

(b) fjuri, kuruni u oġġetti ornamentali oħra miġjuba minn persuni residenti f'terzi pajjiżi li qed jattendu funeral jew ġejjin biex iżejnu oqbra fit-territorju doganali tal-Komunità, sakemm dawn l-importazzjonijiet ma jirrIflettux, jew min-natura jew mill-kwantità tagħhom, kwalunkwe intenzjoni kummerċjali.

IL-KAPITOLU II

EŻENZJONI MINN DAZJI FUQ L-ESPORTAZZJONI

IT-TITOLU I

KONSENJI TA' VALUR NEGLIĠIBBLI

L-Artikolu 119

Konsenji mibgħuta lill-konsenjatarju tagħhom permezz ta' ittra jew pakkett postali u li fihom oġġetti ta' valur totali li ma jaqbiżx ECU 10 jistgħu jiġu esportati mingħajr dazji fuq l-esportazzjoni.

▼B

IT-TITOLU II

ANNIMALI DOMESTIKATI ESPORTATI FI ŻMIEN TA' TRASFERIMENT TA' ATTIVITAJIET AGRIKOLI MILL-KOMUNITÀ GĦAL PAJJIŻ TERZ

L-Artikolu 120

1. Annimali domestikati li jiffurmaw parti mill-bhejjem ta' impriża agrikola li m'għadhiex ►**M3** toperafil-territorju tad-dwana tal-Komunità ◄ u li ttrasferiet l-attivitajiet tagħha lil pajjiż terz jistgħu jiġu esportati mingħajr dazji fuq l-esportazzjoni.

2. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi limitata għall-annimali domestiċi f'numri xierqa għan-natura u d-daqs ta' l-impriża agrikola msemmija.

IT-TITOLU III

PRODOTTI MIKSUBIN MINN PRODUTTURI AGRIKOLI LI JAĦDMU FUQ PROPJETAJIET FIL-KOMUNITÀ

L-Artikolu 121

1. Prodotti agrikoli jew tat-trobbija ta' l-annimali miksubin fit-territorju doganali tal-Komunità f'propjetajiet kontigwi ma' pajjiż terz, maħduma, fil-kapaċità ta' sid jew kerrej, minn persuni li għandhom l-impriża prinċipali tagħhom f'pajjiż terz kontigwu mat-territorju doganali tal-Komunità, jistgħu jiġu esportati mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

2. Sabiex jgawdu mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, prodotti miksubin minn annimali domestikati għandhom jiġu derivati minn annimali li joriġinaw fil-pajjiż terz konċernat jew jissodisfaw ir-rekwiżiti għal ċirkolazzjoni ħielsa hemmhekk.

L-Artikolu 122

L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 121(1) għandha tkun limitata għal prodotti li ma għaddewx minn trattament minbarra dak li normalament isegwi l-ħsad jew il-produzzjoni tagħhom.

L-Artikolu 123

L-eżenzjoni għandha tingħata biss għal prodotti miġjuba fil-pajjiż terz konċernati mill-produttur agrikolu jew f'ismu.

IT-TITOLU IV

ŻRIERAGĦ ESPORTATI MINN PRODUTTURI AGRIKOLI GĦAL UŻU FI PROPJETAJIET LI JINSABU F'TERZI PAJJIŻI

L-Artikolu 124

Żrieragħ għal użu fuq propjetajiet li jinsabu f'pajjiż terz adjaċenti mat-territorju doganali tal-Komunità u maħdumin, fil-kapaċità ta' sid jew kerrej, minn persuni li għandhom l-impriża prinċipali tagħhom fl-imsemmi territorju doganali ma ġenb eżatt tal-pajjiż terz konċernat jistgħu jiġu esportati mingħajr dazji fuq l-importazzjoni.

L-Artikolu 125

L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 124 għandha tkun limitata għall-kwantitajiet ta' żrieragħ meħtieġa għall-iskop ta' operazzjoni tal-propjetà.

▼B

Għandha tingħata biss għal żrieragħ importati direttament mit-territorju doganali tal-Komunità mill-produttur agrikolu jew fl-isem tiegħu.

IT-TITOLU V

GĦALF U IKEL LI JAKKUMPANJAW ANNIMALI MATUL L-ESPORTAZZJONI TAGĦHOM

L-Artikolu 126

Għalf u ikel ta' kull deskrizzjoni li jitqiegħed abbord il-mezz ta' trasport użat biex iwassal annimali mit-territorju doganali tal-Komunità lil pajjiż terz għall-għan ta' distribuzzjoni lill-annimali msemmijin matul il-vjaġġ jistgħu jiġu esportati mingħajr dazji fuq l-esportazzjoni.

IL-KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

L-Artikolu 127

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I għandhom japplikaw kemm għal oġġetti dikjarati għal ċirkolazzjoni ħielsa li ġejjin direttament minn terzi pajjiżi u lil oġġetti oħra dikjarati għal ċirkolazzjoni ħielsa wara li jkunu ġew soġġetti għal proċedura doganali oħra.

2. Il-każijiet li fihom dħul mingħajr dazju ma jistax jingħata għal oġġetti ddikjarati għal ċirkolazzjoni ħielsa wara li jkunu ġewsoġ ġetti għal proċedura doganali oħra għandhom jiġu determinati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 143(2) u (3).

▼M9

3. Oġġetti li jistgħu jiġu importati taħt ħelsien minn dazji skond dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu soġġetti għal restrizzjonijiet kwantitattivi applikati skond il-miżuri adottati abbażi ta' l-Artikolu 133 tat-Trattat.

▼B

L-Artikolu 128

Fejn eżenzjoni minn dazji fuq l-importazzjoni tingħata bil-kondizzjoni li l-oġġetti jitpoġġew għal użu partikolari mir-riċevent, l-awtoritajiet kompetenti biss ta' l-Istati Membri fit-territorju ta' liema l-oġġetti msemmijin ħa jintużaw jistgħu jagħtu din l-eżenzjoni.

L-Artikolu 129

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżguraw li l-oġġetti li tqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa, fejn l-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni tingħata bil-kondizzjoni li l-oġġetti jitpoġġew għal użu partikolari mir-riċevent, ma jistgħux jintużaw għal skopijiet oħrajn mingħajr ma jitħallsu d-dazji fuq l-importazzjoni relevanti, sakemm l-użu alternattiv mhuwiex konformi mal-kondizzjonijiet mniżżla f'dan ir-Regolament.

L-Artikolu 130

Fil-każ li l-istess persuna fl-istess ħin tissodisfa il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-għotja ta' l-eżenzjoni minn dazji fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni taħt dispożizzjonijiet differenti ta' dan ir-Regolament id-dispożizzjonijiet konċernati għandhom japplikaw fl-istess ħin.

▼B

L-Artikolu 131

Fil-każ fejn dan ir-Regolament jipprovdi li l-għotja ta' eżenzjoni għandha tkun soġġetta għas-sodisfazzjoni ta' ċerti kondizzjonijiet, il-persuna involuta għandha, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, tipprovdi prova li dawn il-kondizzjonijiet ġew issodisfati.

L-Artikolu 132

Fil-każ li tkun konċessa importazzjoni jew esporatazzjoni mingħajr dazji fil-limiti ta' ammont meqjus f'ECU, l-Stati Membri jistgħu jarrotondixxu, 'l isfel jew 'il fuq, is-somma kkalkulata billi jikkonvertu dak l-ammont f'valuta nazzjonali.

▼M3

L-Istati Membri jistgħu iżommu mingħajr tibdil ir-rata tal-kambju fil-munita nazzjonali tas-somma determinata f'ECU jekk, fil-ħin ta' l-aġġustament fis-sena li jagħmel tajjeb għalih l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2779/78 ([1]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE Nru 289/84 ([2]), il-konverżjoni ta' dan l-ammont, qabel l-arrotondament li jagħmel tajjeb għalih il-paragrafu ta' qabel iwassal għal bidla ta' inqas minn 5 % fir-rata tal-kambju espressa fil-munita nazzjonali, jew għal tnaqqis tagħha.

▼B

L-Artikolu 133

1. L-ebda ħaġa f'dan ir-Regolament m'għandha tipprevieni l-Istati Membri milli jikkonċedu:

(a) eżenzjoni skond il-Konvenzjoni ta' Vienna dwar relazzjonijiet diplomatiċi tat-18 ta' April 1961, il-Konvenzjoni ta' Vienna ta' relazzjonijiet konsulari ta' l-24 ta' April 1963 jew konvenzjonijiet konsulari oħra, jew il-Konvenzjoni ta' New York tas-16 ta' Diċembru 1969 dwar missjonijiet speċjali;

(b) eżenzjoni taħt privileġġi konswetudinarji mogħtija minħabba ftehim internazzjonali jew ftehim ta' kwartieri ġenerali li tagħhom pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali huma parti kontraenti, inkluża l-eżenzjoni mogħtija għall-okkażjoni ta' laqgħat internazzjonali.

(ċ) eżenzjoni taħt privileġġi u immunitajiet konswetudinarji mogħtija fil-kuntest ta' ftehim internazzjonali milħuq mill-Istati Membri kollha u li jwaqqaf istitut xjentifiku jew kulturali jew organizzazzjoni taħt id-dritt internazzjonali;

(d) eżenzjoni taħt privileġġi u immunitajiet konswetudinarji konċessi skond il-kuntest ta' kooperazzjoni kulturali, xjentifika jew teknika konkluża f'terzi pajjiżi;

(e) eżenzjoni speċjali introdotta taħt ftehim konkluż ma' terzi pajjiżi u li jipprovdi għal miżuri komuni għal protezzjoni ta' persuni jew ta' l-ambjent;

(f) eżenzjoni speċjali introdotta taħt ftehim konklużi ma' pajjiżi terzi kontigwi, ġustifikati permezz tan-natura tal-kummerċ taż-żona tal-fruntiera mal-pajjiżi konċernati;

▼M3

(g) eżenzjoni fil-kuntest ta' ftehim li jidħlu fih fuq il-bażi ta' tpattija ma' pajjiżi terzi li huma Partiti Kuntratturi għall-Konvenzjoni fuq it-Titjir Internazzjonali ¬ivili (Chicago 1944) bl-iskop ta' l-implimentazzjoni tad-Drawwiet Rakommandati 4.42 u 4.44 fl-Anness 9 mal-Konvenzjoni (it-tmien edizjoni, Lulju 1980).

([1]) ĠU L 333, tat-30.11.1978, p. 5.
([2]) ĠU L 33, ta' l-4.2.1984, p.2.

▼B

2. Fejn konvenzjoni internazzjonali mhux koperta minn l-ebda waħda mill-kategoriji msemmijin fil-paragrafu 1, li Stat Membru jixtieq jidħol għaliha, tipprovdi għal konċessjoni ta' eżenzjoni, dan l-Istat Membru għandu jissottometti talba bil-miktub lill-Kummissjoni għall-applikazzjoni ta' tali eżenzjoni, billi jforni l-Kummissjoni bit-tagħrif kollu meħtieġ.

Għandha tittieħed deċiżjoni fuq tali talba skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 143(2) u (3).

3. Il-provista ta' tagħrif kif speċifikat fil-paragrafu 2 m'għandhiex teħtieġ fejn il-konvenzjoni internazzjonali tipprovdi għal konċessjoni ta' eżenzjoni li ma taqbiżx il-limiti stipulati taħt il-liġi tal-Komunità.

L-Artikolu 134

▼M3

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjon bil-diposizzjonijiet tad-dwana fil-konvenzjonijiet internazzjonali u l-ftehim tat-tip imsemmi fl-Artikolu 133(1)(b), (c), (d), (e), (f) u (g) u l-Artikolu 133(3) konklużi wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

▼B

2. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Istati Membri l-oħra t-testijiet tal-konvenzjonijiet u ftehim innotifikat lilha skond il-paragrafu 1.

▼M3

L-Artikolu 135

Dan ir-Regolament mgħandux iħalli barra ż-żamma:

(a) mill-Greċja tal-pożizzjoni speċjali mogħtija lil Mount Athos kif mogħti mill-Artikolu 105 tal-Kostituzzjoni Griega;

(b) mill-Ispanja u minn Franza, sa l-infurzar ta' l-arranġamenti li jiggvernaw ir-relazzjonijiet tan-negozji bejn il-Komunità u Andorra, tależenzjoni li jirriżulta mill-Konvenzjoni tat-13 ta' Lulju 1867 u t-22 u t-23 ta' Novembru 1867 rispettivamenti bejn dawk il-pajjiżi u l-Andorra;

(ċ) mill-Istati Membri sa limitu ta' 210 ECU tal-eżenzjoni, jekk eżistenti, li jaqbeż dak imsemmi fl-Artikolu 47 li taw fl-1 ta' Jannar 1983 lill-baħrin tal-flotta merkantili nvoluti fl-ivvjaġġar internazzjonali;

▼A3

(d) mir-Renju Unit tas-sollievi fuq l-importazzjoni ta' merkanzija għall-użu mill-forzi tagħha jew minn impjegati pajsana li jakkumpanjawhom jew għall-provvista' tal-mess jew il-*canteen* tagħhom li jirriżultaw mit-Trattat ta' l-Istabbiliment rigward ir-Repubblika ta' Ċipru, bid-data tas-16 ta' Awissu 1960.

▼M3

L-Artikolu 136

1. Sakemm jiġu stabbiliti diposizzjonijiet tal-Komunità fis-settur rilevanti, l-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjoni speċjali lill-forzi armati li ma jservux taħt il-bnadar tagħhom li huma stazzjonati fuq it-territorji tagħhom skond il-ftehim internazzjonali.

2. Sakemm jiġu stabbiliti diposizzjonijiet tal-Komunità fis-settur rilevanti, dan ir-Regolament m'għandux iħalli barra ż-żamma mill-Istati Membri tal-eżenzjoni mogħtija lill-ħaddiema li jerġgħu lura lejn pajjiżhom wara li jkunu qagħadu mill-inqas sitt xhur barra t-territorju tad-dwana tal-Komunità minħabba l-post tax-xogħol tagħhom.

▼B

L-Artikolu 139

Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju:

(a) għarr-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 754/76 tal-25 ta' Marzu 1976 dwar it-trattament doganali ta' oġġetti ritornati lit-territorju doganali tal-Komunità [1];

(b) għad-dispożizzjonijiet viġenti dwar l-istivi ta' vapuri, inġenji ta' l-ajru u ferroviji internazzjonali;

(ċ) għad-dispożizzjonijiet dwar eżenzjonijiet introdotti minn atti oħra tal-Komunità.

L-Artikolu 140

1. Dawn li ġejjin għandhom jitħassru b'effett mid-data li fiha jiġi fis-seħħ dan ir-Regolament:

(a) ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1544/69 tat-23 Lulju 1969 dwar it-trattament tariffali applikabbli għal oġġetti kontenuti fil-bagalji personali ta' vjaġġatur [2], kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3313/81 [3];

(b) ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1410/74 ta' l-4 ta' Ġunju 1974 dwar it-trattament tariffali applikabbli għal oġġetti impurtati għal ċirkolazzjoni ħielsa fl-eventwalità ta' diżastri li jseħħu fit-territorju ta' Stat Membri wieħed jew aktar [4];

(ċ) ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1818/75 tal-10 ta' Lulju 1975 dwar dazji agrikoli, ammonti kompensatorji u dazji oħra fuq l-importazzjoni applikabbli għal prodotti agrikoli u ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tagħhom kontenuti fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi [5];

(d) ir-Regolament (KEE) Nru 1798/75, kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KEE) Nru 608/82 [6];

(e) ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1990/76 tat-22 ta' Lulju 1976 dwar it-trattament doganali applikabbli għal oġġetti impurtati għal prova [7];

(f) ir-Regolament tal-Kunsill (KEE)) Nru 3060/78 tad-19 ta' Diċembru 1978 li jipprovdi eżenzjoni minn dazji fuq l-importazzjoni għal oġġetti f'konsenji żgħar ta' natura mhux kummerċjali minn terzi pajiżi [8], kif emendat permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3313/81 [9];

(g) ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1028/79 tat-8 ta' Mejju 1979 dwar l-importazzjonimingħajr dazji tat-tariffi doganali tal-Komunità ta' oġġetti għal użu minn persuni b'diżabbiltà [10].

2. Referenzi għar-Regolamenti elenkati fil-paragrafu 1 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

▼M6

———————

(1) ĠU L 89, tat-2.4.1976, p. 1.
(2) ĠU L 191, tal-5.8.1969, p. 1.
(3) ĠU L 334, tal-21.11.1981, p. 1.
(4) ĠU L 150, tas-7.6.1974, p. 4.
(5) ĠU L 185, tas-16.7.1975, p. 3.
(6) ĠU L 74, tat-18.3.1982, p. 4.
(7) ĠU L 219, tat-12.8.1976, p. 14.
(8) ĠU L 366, tat-28.12.1978, p. 1.
(9) ĠU L 334, tal-21.11.1981, p. 1.
(10) ĠU L 134, tal-31.5.1979, p. 8.

▼B

L-Artikolu 144

Ir-referenza li saret fir-Regolamenti li ġejjin għall-Kumitat li hemm dispożizzjoni għalih fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 1798/75 għandhom jinbidlu b'riferenza għall-Kumitat li hemm dispożizzjoni għalih fl-Artikolu 141 ta' dan ir-Regolament:

(a) L-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 754/76;

(b) L-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1430/79 tat-2 ta' Lulju 1979 dwar ripagament jew remissjoni ta' dazji fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ([1]);

(ċ) L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1697/79 ta' l-24 ta' Lulju 1979 dwar irkupru ta' wara d-dħul ta' dazji fuq l-importazzjoni jew esportazzjoni li ma kinux meħtieġa mill-persuna li hi responsabbli għal pagament fuq oġġetti li jidħlu għal proċeduri doganali li jinvolvu l-obbligazzjoni ta' ħlas ta' dawk id-dazji ([2])

L-Artikolu 145

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1984.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 175, tat-12.7.1979, p. 1.
([2]) ĠU L 197, tat-3.8.1979, p. 1.

▼M2

L-ANNESS I

A. **Kotba, pubblikazzjonijiet u dokumenti**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
3705	Pjanċi u films tar-ritratti, esposti u żviluppati ta' xort' oħra minn film ċinematografiku:
ex 3705 20 00	— Mikrofilms ta' kotba, ta' kotba ta' l-istampi għat-tfal u kotba għat-tpinġija u l-koloratura, kotba ta' eżerċizzji ta' l-iskola għat-tfal (kotba li jaħdmu fuqhom), kotba ta' tislibiet, gazzetti u perjodiċi li, dokumenti jew rapporti stampati ta' karattru mhux kummerċjali, u ta' illustrazzjonijiet farrada, paġni stampati u *proofs* ta' riproduzzjoni għall-produzzjoni tal-kotba
ex 3705 10 00	— Films ta' riproduzzjoni għall-produzzjoni tal-kotba
ex 3705 90 10	
ex 3705 90 90	
4903 00 00	Kotba ta' koloratura ta' tpinġija jew ta' l-istampi għat-tfal
4905	Mapep u *charts* idrografiċi jew simili ta' kull xorta, inklużi *atlases*, mapep għall-ħitan, pjanti topografiċi u globi, stampati:
	— Oħrajn:
ex 4905 99 00	— — Oħrajn:
	— Mapep, *charts* u disinji ta' interess f'setturi xjentifiċi, bħall-ġeoloġija, iż-żooloġija, il-botanija, il-mineraloġija, il-paleontoloġija, l-arkeoloġija, l-etnoloġija, il-metereoloġija, il-klimatoloġija u l-ġeofiżika
ex 4906 00 00	Pjanti u disinji u riproduzzjonijiet tagħhom ta' l-arkitettura, industrijali jew ta' l-inġinerija
4911	Materja stampata oħra, inklużi stampi u ritratti:
4911 10	— Materjal ta' riklamar għan-negozju, katalgi kummerċjali u bħalhom:
ex 4911 10 90	— — Oħrajn:
	— Katalgi ta' kotba u pubblikazzjonijiet, li jkunu kotba u pubblikazzjonijiet offerti għall-bejgħ minn pubblikanti jew bejjiegħa tal-kotba stabbiliti barra t-territorju tal-Komunitajiet Ewropej
	— Katalgi ta' films, ta' rrekordjar jew materjali viżwali u awditorji oħrajn ta' karattru edukazzjonali, xjentifiku jew kulturali
	— *Posters* għall-promozzjoni tat-turiżmu u pubblikazzjonijiet turistiċi, *brochures*, kotba ta' gwida, skedi, libretti u pubblikazzjonijiet bħalhom, kemm jekk bl-istampi u kemm jekk le, inklużi dawk ippubblikati minn konċernazzjonijiet privati, ddisinjati biex jinkuraġġixxu l-pubbliku biex jivvjaġġa barra t-territorju tal-Komunitajiet Ewropej, inklużi mikrokopji ta' dawn l-artikoli ([1])
	— Materjal ta' informazzjoni bibliografika għad-distribuzzjoni b'xejn ([1])
	— Oħrajn:
4911 99	— — Oħrajn:
ex 4911 99 90	— — — Oħrajn:
	— Stampi mfarrda, paġni stampati u *proofs* ta' riproduzzjoni li għandhom jiġu użati għall-produzzjoni ta' kotba, inklużi mikrokopji ta' dawn l-artikoli ([1])
	— Mikrokopji ta' kotba, kotba ta' l-istampi għat-tfal u kotba ta' tpinġija jew koloratura, kotba ta' l-eżerċizzji ta' l-iskola (*workbooks*), kotba ta' tislibiet, gazzetti u perjodiċi li u ta' dokumenti jew rapporti ta' karattru mhux kummerċjali ([1])
	— Pubblikazzjonijiet iddisinjati biex jinkuraġġixxu l-pubbliku biex jistudja barra t-territorju tal-Komunitajiet Ewropej, inklużi mikrokopji ta' dawn il-pubblikazzjonijiet ([1])
	— Dizinji Metereoloġiċi u ġeofiżiċi

▼M2

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
9023 00	Strumenti, apparat u mudelli, ddisinjati għal skopijiet ta' dimostrazzjoni (per eżempju, fl-edukazzjoni jew eżibizzjonijiet), mhux tajbin għal utilitajiet oħrajn:
ex 9023 00 90	— Oħrajn:
	— Mapep u *charts* ibbuzzati ta' interess f'setturi xjentifiċi bħall-ġeoloġija, iż-żooloġija, il-botanija, il-mineraloġija, il-paleontoloġija, l-arkeoloġija, l-etnoloġija, il-metereoloġija, il-klimatoloġija u l-ġeofiżika

(1) L-eżenzjoni m'għandhiex, madanakollu, tapplika għal artikoli fejn ir-reklamar ikopri iktar minn 25 % tal-wiċċ. Fil-każ ta' pubblikazzjonijiet u *posters* għall-promozzjoni tat-turiżmu, dan il-persentaġġ japplika biss għal pubbliċità kummerċjali privata

B. **Materjali viżwali u ta' awdizzjoni ta' karattru edukazzjonali, xjentifiku jew kulturali**

L-artikoli mniżżla fl-Anness II (A) prodotti mill-Ġnus Magħquda jew xi aġenziji speċjalizzati tagħhom.

▼M2

L-ANNESS II

A. **Materjali viżwali u ta' awdizzjoni ta' karattru edukazzjonali, xjentifiku jew kulturali**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Stabbiliment jew organizzazzjoni benefiċċjarja
3704 00	Pjanċi fotografiċi, film, karta, kartun u tessuti, esposti imma mhux żviluppati:	L-organizzazzjonijiet kollha (inklużi organizzazzjonijiet ta' xandir u televiżjoni), istituzzjonijiet jew assoċjazzjonijiet approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għall-iskop ta' ammissjoni mingħajr dazju ta' din il-merkanzija
ex 3704 00 10	— Pjanċi u film:	
	— — Film ċinematografiku, pożittivi, ta' karattru edukazzjonali, xjentifiku jew kulturali	
ex 3705	Pjanċi u film fotografiku, esposti u żviluppati, ta' xort' oħra minn film fotografiku:	
	— Ta' karattru edukazzjonali, xjentifiku jew kulturali	
3706	Film ċinematografiku, espost u żviluppat, kemm jekk jinkorpora *sound track* jew le jew jekk jikkonsisti biss f'*sound track*:	
3706 10	— Ta wisa' ta' 35mm jew iktar:	
	— — Oħrajn:	
ex 3706 10 99	— — — Pożittivi oħrajn:	
	— — — — Filmati (bil-ħoss jew mingħajru) li juru ġrajjiet ta' informazzjoni ta' valur kurrenti fil-ħin ta' l-importazzjoni, u importati sa limitu ta' żewġ kopji ta' kull suġġett għal skopijiet ta' kkuppjar	
	— — — — Materjal ta' fil mill-arkivji (bil-ħoss jew mingħajru) maħsub għall-użu f'konnessjoni ma' *film newsreel*.	
	— — — — Films rekreazzjonali partikolarment adatti għat-tfal u nies żgħar	
	— — — — Films oħrajn ta' karattru edukazzjonali, xjentifiku jew kulturali	
3706 90	— Oħrajn:	
	— — Oħrajn:	
	— — — Pożittivi oħrajn:	
ex 3706 90 51 ex 3706 90 91 ex 3706 90 99	— — — — Filmati (bil-ħoss jew mingħajru) li juru ġrajjiet ta' informazzjoni ta' valur kurrenti fil-ħin ta' l-importazzjoni, u importati sa limitu ta' żewġ kopji minn kull suġġett għal skopijiet ta' kkuppjar	
	— — — — Materjal ta' film mill-arkivju (bil-ħoss jew mingħajru) maħsub għall-użu f'konnessjoni ma' *films newsreel*	
	— — — — Films rekreazzjonali partikolarment adatti għat-tfal u nies żgħar	
	— — — — Films oħrajn ta' karattru edukazzjonali, xjentifiku jew kulturali	
4911	Materjal stampat ieħor, inklużi stampi u ritratti stampati:	
	— Oħrajn:	
4911 99	— — Oħrajn:	

▼**M2**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Stabbiliment jew organizzazzjoni benefiċċjarja
ex 4911 99 90	— — — Oħrajn: — *Microcards* jew medja oħra ta' rfigħ ta' informazzjoni meħtieġa f'servizzi kompjuterizzati ta' informazzjoni u dokumentazzjoni ta' karattru edukazzjonali xjentifiku jew kulturali — *Charts* għall-ħitan iddiżinjati biss għal dimostrazzjoni u edukazzjoni	L-organizzazzjonijiet kollha (inklużi organizzazzjonijiet ta' xandir u televiżjoni), istituzzjonijiet jew assoċjazzjonijiet approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għall-iskop ta' ammissjoni mingħajr dazju ta' din il-merkanzija
ex 8524	Rekords, *tapes* u materjal irrekordjat ieħor għall-ħoss jew fenomeni oħrajn irrekordjati b'mod simili inklużi matriċi u masters għall-produzzjoni ta' rekords, imma esklużi l-prodotti tal-kapitolu 37: — Ta' karattru edukazzjonali, xjentifiku jew kulutrali	
ex 9023 00	Strumenti, apparat u mudelli, iddisinjati għal skopijiet ta' dimostrazzjoni (per eżempju, fl-edukazzjoni jew f'eżibizzjonijiet), mhux tajbin għal utilitajiet oħrajn: — Disinnji, mudelli u *charts* għall-ħitan ta' karattru edukazzjonali xjentifiku jew kulturali, iddisinjati biss għal dimostrazzjoni u edukazzjoni — *Mock-ups* jew viżwalizzazzjonijiet ta' kunċetti astratti bħal strutturi molekulari jew formuli matematiċi	
Varji	Ologrammi għal proġezzjoni bil-laser Kitts ta' *multi-media* Materjali għal istruzzjonijiet ipprogrammati, inklużi materjali f'forma ta' kitt bil-materjali korrispondenti stampati	

B. **Biċċiet għall-kollezzjoni u xogħlijiet ta' l-arti ta' karattru edukazzjonali, xjentifiku jew kulturali**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Stabbiliment jew organizzazzjoni benefiċċjarja
Varji	Biċċiet għall-kollezzjoni u xogħlijiet ta' l-arti, mhux maħsuba għall-bejgħ	Galleriji, mużewijiet u istituzzjonijiet oħrajn approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għall-iskop ta' ammissjoni mingħajr dazju ta' dawn il-beni

▼**M2**

L-ANNESS III

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
4911	Materjal stampat ieħor, inkluż stampi stampati u ritratti:
4911 10	— Materjal għar-reklamar tan-negozju, katalgi kummerċjali u bħalhom:
ex 4911 10 90	— — Oħrajn: — Ibbuzzati għall-għomja u għal dawk b'vista parzjali
4911 91	— Oħrajn:
	— — Stampi, Stampar u ritratti:
	— — — Oħrajn:
ex 4911 91 91	— — — — Stampi u diżinji: — Ibbuzzati għall-għomja u għal dawk b'vista parzjali
ex 4911 91 99	— — — — Ritratti: — Ibbuzzati għall-għomja u għal dawk b'vista parzjali
4911 99	— — Oħrajn:
ex 4911 99 90	— — — Oħrajn: — Ibbuzzati għall-għomja u għal dawk b'vista parzjali

▼M2

L-ANNESS IV

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
4802	Karta mhux miksija u kartun ta' tip użat għall-kitba, l-istampar jew skopijiet grafiċi oħrajn, u ħażna ta' kartun għat-titqib u karta għat-titqib, f'rombli jew folji, ta' xort'oħra mill-karta ta' l-intestatura Nru 4801 jew 4803; karta magħmula bl-idejn u kartun:
	— Karta u kartun ieħor. Li ma jikkontjenux fibri minn proċessi mekkaniċi jew li tagħhom mhux iktar minn 10 % mill-piż tal-kontenut tal-fibri totali jikkonsisti f'dawn il-fibri:
ex 4802 52 00	— — Li jiżnu 40 g/m^2 jew iktar imma mhux iktar minn 150 g/m^2
	— Karta *Braille*
4802 53	— — Li jiżnu iktar minn 150 g/m^2:
ex 4802 53 90	— — — Oħrajn:
	— Karta *Braille*
4802 60	— Karta oħra u kartun li minnhom iktar minn 10 % mill-piż tal-kontenut tal-fibri totali jikkonsisti f'fibri minn proċess mekkaniku:
ex 4802 60 90	— — Oħrajn:
	— Karta *Braille*
4805	Karta oħra mhux miksija u kartun, f'rombli jew folji:
4805 60	— Karta u kartun ieħor, li jiżnu iktar minn 150 g/m^2 jew inqas:
ex 4805 60 90	— Oħrajn:
	— Karta *Braille*
4805 70	— Karta u kartun ieħor, li jiżnu iktar minn 150 g/m^2 imma inqas minn 225 g/m^2:
ex 4805 70 90	— — Oħrajn:
	— Karta *Braille*
4805 80	— Karta u kartun ieħor, li jiżnu 225 g/m^2 jew iktar:
ex 4805 80 90	— — Oħrajn:
	— Karta *Braille*
4823	Karta oħra, kartun, mili taċ-ċellulosa u webs ta' fibri taċ-ċellulosa, maqtugħa għall-qies jew għall-forma; artikoli oħra magħmula mill-polpa tal-karta, mill-karta, mill-mili taċ-ċellulosa jew minn webs ta' fibri taċ-ċellulosa:
	— Karta oħra u kartun, ta' tip użat għall-kitba, l-istampar jew skopijiet grafiċi oħra:
4823 59	— — Oħrajn:
ex 4823 59 90	— — Oħrajn:
	— Karta *Braille*
ex 6602 00 00	Bsaten għall-mixi, bsaten għal bilqiegħda, frosti, frosta għall-irkib taż-żwiemel u bħalhom:
	— Il-bsaten bojod għall-għomja u għal dawk b'vista parzjali
ex 8469	Typewriters u magni tal-*word processing*:
	— Addattati għall-użu mill-għomja u għal dawk b'vista parzjali
ex 8471	Magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data w unitajiet tagħhom; qarrejja manjetiċi jew ottiċi, magni għat-traskrizzjoni tad-data fuq medja ta' data f'forma kkodifikata u magni għall-ipproċessar ta' din id-data, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor:
	— Tagħmir għall-produzzjoni mekkanika tal-*Braille* u materjal irrekordjat għall-għomja

▼**M2**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
ex 8519	*Turntables* (*decks* għar-rekords), rekord-*players*, *cassette players* u apparat ieħor li jirriproduċi l-ħoss, li ma jinkorporax strument li jirrekordja l-ħoss:
	— Rekord-*players* u *cassette players* speċjalment iddisinjati u addattati għall-għomja u għal dawk b'vista parzjali
ex 8524	Rekords, *tapes* u *media* rrekordjat ieħor għall-ħoss jew fenomeni simili rrekordjati, inklużi matriċi u masters għall-produzzjoni ta' rekords, imma esklużi l-prodotti tal-Kapitolu 37:
	— Kotba li jitkellmu
	— *Tapes* manjetiċi u *cassettes* għall-produzzjoni tal-*Braille* u ta' kotba li jitkellmu
9013	Strumenti tal-kristall likwidu li ma jikkostitwixxux artikoli li hemm ipprovdut dwarhom iktar speċifikament f'intestaturi oħrajn, *lasers*, ta' xort'oħra minn *laser diodes*; apparat ottiku u strumenti oħrajn, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor f'dan il-kapitolu:
ex 9013 80 00	— Strumenti oħrajn, apparat u strumenti:
	— Kabbara tat-televiżjoni għall-għomja u għal dawk b'vista parzjali
9021	Apparat ortopediku, inklużi l-krozzi, ċ-ċinturini tal-kirurġija u ħemliet; qasab u apparat ieħor għall-fratturi; partijiet artifiċjali tal-ġisem; għajnuniet għassmigħ u apparat oħrajn li jintlibsu jew merfugħa, jew impjantati fil-ġisem, biex jikkumpensaw għal difett jew diżabilità:
9021 90	— Oħrajn:
ex 9021 90 90	— — Oħrajn:
	— Apparat ta' orjentaturi elettroniċi u li jintraċċaw l-ostakoli għall-għomja u għal dawk b'vista parzjali
	— Kabbara tat-televiżjoni għall-għomja ugħal dawk b'vista parzjali
	— Magni elettroniċi għall-qari għall-għomja u għal dawk b'vista parzjali
9023 00	Strumenti, apparat u mudelli, iddidinjati għal skopijiet ta' dimostrazzjoni (per eżempju, fl-edukazzjoni jew l-esibizzjonijiet), li mhumiex xierqa għal utilitajiet oħrajn:
ex 9023 00 90	— Oħrajn:
	— Għajnuniet għat-tagħlim u apparat speċifikament iddisinjat għall-użu ta' l-għomja u għal dawk b'vista parzjali
ex 9102	Arloġġi tal-polz, arloġġi tal-but u arloġġi oħrajn, inklużi *stop-watches*, ta' xort'oħra minn dawk ta' l-intestatura Nru 9101:
	— Arloġġi *Braille* b'kaxxi ta' xort'oħra minn dawk ta' metalli prezzjużi
9504	Artikoli għall-fieri, jew logħob tal-mejda jew tad-dar, inklużi *pintables*, *billiards*, imwejjed speċjali għal logħob tal-*casino* u tagħmir awtomatiku tal-*bowling*
9504 90	— Oħrajn:
ex 9504 90 90	— — Oħrajn:
	— Logħob ta' l-imwejjed u aċċessorji speċjalment addattati għall-użu ta' l-għomja u għal dawk b'vista parzjali
Varji	L-artikoli l-oħrajn kollha speċjalment iddisinjati għall-edukazzjoni jew l-avvanz xjentifiku jew kulturali ta' l-għomja u ta' dawk b'vista parzjali